# Antonio Miruzzi

# 1867 - 1944



**Joseph A. Bugeja**

Pubblikat għall-ewwel darba fis-sena 2023
St Andrew's Publications
Misraħ il-Knisja, Luqa

Copyright Letterarju © Joseph Bugeja
joseph.ant.bugeja@gmail.com

Dan il-ktieb ma jistax jerġa' jinbiegħ, jiġi stampat jew fotokopjat b'xi mod mekkaniku, elettroniku, diġitali, jew b'xi mod ieħor mingħajr l-awtorità bil-miktub tal-awtur

ISBN 978-9918-0-0684-7
Stampat BestPrint Ltd

# Antonio Miruzzi
# 1867-1944

Bosta kienu dawk il-mużiċisti, speċjalment dawk li ġejjien mill-irħula, li isimhom u xogħolijiethom intesew mal-mixja taż-żmien. Mro. Antonio Miruzzi, kważi waqa f'din il-kategorija, hekk li Robert Mifsud Bonnici lanqas biss inkludieh fil-ktieb tiegħu Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin, mitbuħ fl-1951. Vella Bondin, isejjaħ lil Mro Miruzzi, surmast tipiku ta' banda u jagħmel distinzjoni bejn kompożituri Maltin tal-epoka u s-surmastrijiet tal-baned.[1] Wieħed jażżarda jikkonkludi li mhux għall-marċi funebri *Cordoglio* u *Giorno di Pianto* u numru żgħir ta' innijiet, kieku isem Antonio Miruzzi kien jintesa mal-mixja taż-żmien kif ġralhom żewġ kompożituturi oħra li jġibu l-isess kunjom, Poalo u Domenico Miruzzi. Tul dawn l-aħħar żewġ deċenji inkitbu bosta artikoletti fuq ħajjet u xogħolijiet dan il-kompożitur malti. Sfortunatament, bosta minn dawk il-kitbiet kienu bbażżati fuq għajdut u ma kien hemm ebda riferenza għal dokumentazzjoni. L-għan ta' din il-kitba huwa li jixħet dawl ġdid fuq ħajjet u ħidmet dan il-kompożitur kompartijot tagħna.

## 1. It-tfulija u ż-żgħożija ta' Antonio Miruzzi.

Nhar l-10 ta' Marzu, 1867, il-viċi parrokku tal-parroċċa tal-Furjana, Dun Manwel Borg,[2] irreġistra fir-reġistru tal-magħmudijiet tal-Knisja Arċipretali San Publiju, il-Furjana,[3] il-magħmudija ta' Antonio Miruzzi, iben Joseph Miruzzi u Michaela Brincat. Barra l-isem ta' Antonius, kif għada il-konswetudni, ingħata wkoll l-ismijiet ta' Mario, Carmelo, Joseph u Salvatore (l-aħħar tnejn mill-parrini) waqt li l-parroċċa tagħtu l-isem ta' Publius. Dan id-dokument jagħtina x'nifmhu it-twelied ta' Antonio ma setgħax seħħ iktar minn ftit ġranet qabel jekk mhux dakinhar stess tal-10 ta' Marzu 1867. Il-fatt li l-erba' ħutu kienu tgħammdu fl-istess jum li twieldu jkompli jsaħħaħ l-ipoteżi li Antonio kien twieled nhar l-10 ta' Marzu tas-sena 1867.[4] Antonio kien it-tieni wild fost erba' aħwa. Ħutu l-oħrajn kienu: M(ario) Carmelo Marozzo, imwieled fit-8 ta' Ġunju 1865; Carmelo Miruzzi, imwieled fil-5 ta' Diċembru 1869, u Maria Marozzi, imwielda fl-20 ta' Settembru 1871.[5] Ta' sitt snin Antonio tilef il-ġenituri tiegħu u spiċċa fl'orfanatrofju governattiv fil-Belt Valletta. F'dik il-ħabta dan l-istutut kien jospita fih madwar 132 tifel u tifla li kienu jkunu tilfu iż-żewġ ġenituri tagħhom.[6]



Id-daħla fir-reġistru tal-magħmudijiet tal-Floriana li turi l-magħmudija ta' Antonio Miruzzi

[1] Vella Bondin, J.: *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli XIX u XX' (PIN, 2000),* 202.
[2] Il-kappillan tal-Furjana dak iż-żmien kien Dun Ġann-Anton Vidal.
[3] L-att tat-twelied kien reġistrat nhar l-10 t'Ottubru 1867, RPM (Births) 1040/1867. Id-dewmien fir-reġistrar wassal sabiex bosta awturi jgħatu id-data tal-10 t'Ottubru bħala d-data tat-twelied.
[4] Il-fatt li Antonio Miruzzi irtira bl-età nhar l-10 ta' Marzu hija indikazzjoni oħra li d-data tat-twelied tiegħu hija din.
[5] Pirotta M. (2018), *Meta twieled eżatt Miruzzi*, Program tal-festa Societa Fil La Vincitrice. Senglea.
[6] NAM Blue Books 1873, Sec AE, 2.

Minkejja li l-aħwa Miruzzi kien sfaw ospitati f'orfanatrofju, zijuhom Paolo (1852–1888) kien jieħu nteress fihom, b'mod partikulari fl-edukazzjoni tagħhom. Paolo Miruzzi kien jiġi ħu missierhom, imwieled il-Belt. Bħal bosta mużiċisti ta' żmienu Paolo beda l-karriera mal-Armiraljat, fejn fis-sena 1874 ingaġġa bħala *bandsman* fuq l-*HMS Doris*.[7] Huwa serva wkoll fuq il-bastimenti *HMS Sultan, HMS Black Prince, HMS Heck* u l-*HMS Alexandria* sa ma rtira nhar il-21 ta' Diċembru 1883. Wara li rtira minn mal-Armiraljat, Pawlu Miruzzi issokta jaħdem fil-qasam mużikali fejn serva bħala assistent-surmast tas-*Soc. Fil La Valette* tal-Belt Valletta u fis-sena 1885 kien maħtur surmast direttur tal-*Filarmonica La Valette*.

Persuna oħra li aktarx influwenzat lill Antonio sabiex jaqbad il-karriera mużikali tiegħu, kien Domenico Miruzzi. Domenico imwieled il-Birgu nhar it-8 t'April 1857. Bħal bosta mużiċisti ta' żmienu huwa ingaġġa mal-Armiraljat bħala *bandsman.*[8] Wara li f'April tas-sena 1889 ikkonġeda ruħu minn mal-Armiraljat, Domenico ħa f'idejh il-banda *La Pace* tan-Naxxar, fejn kellu salarju ta' £3.10s fix-xahar. Bejn l-1895 u l-1896, Domenico Miruzzi serva bħala surmast tal-banda Sengleana *La Vincitrice*.[9] Fost ix-xogħlijiet tiegħu li ndaqqu minn din il-banda, insibu il-*Fantasia per Clarinetto*,[10] is-sinfonija *Zanzara* u l-valz *La Vincitrice*. Fis-sena 1913, Domenico kien involut fit-treġġija mużikali tal-*Banda Leone* tar-Rabat Għawdex.[11] Ir-rabta li Poalo[12] u Domenico kellhom mal-gżira għawdxija b'mod partikulari mal-*Banda Leone* tal-Belt Victoria, għenu mhux ftit sabiex l-ewwel direzzjoni mużikali fdata lil Antonio kienet propju dik tal-Banda Leone fis-sena 1890.

## 2. L-ewwel passi fil-qasam mużikali.

Vella Bondin,[13] huwa tal-fehma li l-ewwel passi fil-qasam mużikali Antonio għamilhom ma' zijuh Paolo. Ma' Mro Paolo Miruzzi, Antonio tħarreġ fit-teorija, il-pjanu u strumenti oħrajn. Nhar is-17 ta' Novembru 1891, fil-knisja tal-Furjana, Antonio żżewweġ lil Maria Concetta Cauchi u fi ftit snin kellhom tlett itfal. Kif jgħidu il-familja trid u Antonio Miruzzi beda jgħamel l-almu tiegħu sabiex jaqla ħobżu mill-mużika. L-ewwel impenn mużikali tiegħu jidher li kien bħala *Maestro Istruttore* mal-Banda La Valette tal-Belt. Skont Rev. John Ciarlò,



7 ADM188/80/84986.
8 ADM188/232/158569.
9 *La Gazzetta di Malta*, 02.x.1895.
10 *Ibid.*
11 Grazio A. Grech: 'Ġrajjiet is-Soċjetà Mużikali u Filarmonika 'Leone' (Għawdex, 2012).
12 Paolo Miruzzi miet f'Mejju tas-sena 1888, f'Għawdex fejn kien għaddej minn perjodu ta' konvalixxenza. Ara: *La Gazzetta di Malta* 16.v.1888.
13 Vella Bondin, J.: *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli XIX u XX' (PIN, 2000), 203.*

f'Jannar tas-sena 1890, il-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali La Valette, ħatar lill Antonio Miruzzi bħala għalliem tal-allievi, b'salarju ta' lira fix-xahar.[14] Mro Miruzzi f'din il-kariga kien jgħati żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa. Jidher li Mro Vincenzo Carabott, kellhu fiduċja kbira fit-talent fiż-żgħażugħ Antonio. Kienu bosta id-drabi li din il-banda beltija kienet tinkludi xi kompożizzjoni minn ta' Antonio Miruzzi f'xi wieħed mil-bosta programmi mużikali li din il-banda beltija kienet tesegwixxi. Fost ix-xogħolijiet mużikali, ta' Antonio esegwiti f' din l-epoka insibu il-valzi *Il Pensiero,*[15] *Il Tempo*[16] u *Time Ago.*[17]

Wħud isostnu li bħal zijuh Poalo u bosta mużiċisti oħra maltin ta' żmienu, bħal Spiridione Chircop u Nikola Montebello, huwa ingaġġa bħala *bandsman* mal-armiraljat. Ħarsa lejn ir-records tar-Royal Navy, wieħed isib li, f'Lulju tas-sena 1883, ċertu Antonio Miruzzi ingaġġa mal-armiraljat bħala bandsman u kien assenjat fuq l-*HMS Invincible*.[18] Il-problema b'dan id-dokument hija li d-data tat-twelied fuq dan ir-record hija ta' Ġunju 1861. Għaldaqstant, jew dan id-dokument jappartjeni għal Antonio Miruzzi ieħor mill-Furjana li twieled sitt snin qabel jew inkella hemm żball fuq dan id-dokument dwar id-data tat-twelied. Żball fid-data tat-twelied f'dawn it-tip ta' dokumenti jidher kienet frekwenti f'dik l-epoka għax l-awtur iltaqa ma' diversi każi simili f'dokumentazjoni ta' bandisti li kienu jingaġġaw mal-Armiraljat. Jekk dan il-*bandsmen* kien is-surmast Antonio Miruzzi, jidher li l-karrriera tiegħu kienet waħda qasira għax irtira nhar l-14 ta' Novembru ta' sentejn wara (1885).

## 3. **L-ewwel inkarigi fil-qasam bandistiku**:

L-ewwel impenn tiegħu bħala surmast direttur ta' banda, kien fis-sena 1890, meta Mro. Miruzzi ingħata it-treġija mużikali tal-***Banda Leone*** tal-Belt Victoria. L-ewwel impenn dokumentat huwa dak tas-27 t'April 1890, fejn Mro Miruzzi idderieġa l-banda waqt program mużikali li din il-banda tellgħat fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp, tal-Qala. Okkażjonijiet oħra fejn din il-banda għawdxija ħadet sehem, kienu il-festa ta' San Franġisk tas-sena 1891, il-festi tat-tri-ċentinarji f'ġieħ San Alwiġi Gonzaga li kienu iċċelebrati fis-Seminarju t'Għawdex, il-pussess ta' Dun Ġużepp Diacono bħala Arċipriet tax-Xagħra, u fil-festi ta' Santa Marija fil-Belt Victoria u fiż-Żebbuġ. Is-sena ta' wara (1892) l-*Banda Leone*, diretta minn Mro. Miruzzi daqqet fl-okkażjoni tal-


Programmi da eseguirsi dalla Società Filarmonica *Il Leone*, nella Città Vittoria di Gozo, in occasione della Festa dell'Assunta.

Martedì 15 Agosto alle ore 4 p.m.

1 Passo doppio—Loyalty - Jones
2 Sinfonia—Domino Noir—Auber
3 Pezzi scelti—Faust—Gounod
4 Valser—L'España—Waldteufel
5 Quadriglie—Le rat—Redlar

Dio salvi la Regina

Martedì 15 ore 9 p.m.

1 Passo doppio—S. Paolo—A. Miruzzi
2 Sinfonia—Masianello—Auber
3 Pezzi scelti—I Due Foscari—Verdi
4 Quadriglie—Bellevue—Fahrback
5 Valser—Golden Hours—Bucalossi
6 Polca—La Promessa—A. Miruzzi

Dio salvi la Regina

*Program Mużikali esegwiet mill-Banda Leone, fl-1893, aktarx taħt id-direzzjoni ta' Antonio Miruzzi.*

---

14 Ciarlò J. *Soċjetà Filarmonika Nazzjonali "La Valette" – l-ewwel 100 Sena (1874-1974)*, Media Centre, (1994), 39.
15 *Gazzetta di Malta*, 23.vii.1892. Indaqq mill-La Valette fl-okkazjoni tal-inawgurazzjoni tal-bust tal-Papa Pio V fuq Porta Reale (Il-Belt).
16 *Gazzetta di Malta*, 08.vi.1894.
17 *Gazzetta di Malta*, 02.viii.1894
18 ADM188/161/123469.

inawgurazzjoni tal-koppla tal-knisja parrokkjali Marija Bambina fix-Xagħra (Ottubru 1892). Fis-sena 1893, barra s-sehem fl-okkażjoni tal-pussess ta' Dun Salv Portelli bħala l-ewwel kappillan tal-parroċċa l-ġdida ta' San Lawrenz (Mejju 1893), il-banda esegwiet żewġ programmi oħra, dak tal-festa ta' San Kaloġeru[19] u dak ta' Sta Marija,[20] it-tnejn iċċelebrati fil-Belt Victoria. Fiż-żewġ okkażjonijiet, fost ix-xogħolijiet li esegwiet il-Banda Leone insibu l-kompożizzjonijiet *Rank of Corporal* u *San Paolo* (*Passo Doppio*), *Il Pensiero* (Valz), u *La Promessa* (Polka) kollha kompożizzjonijiet ta' Mro Miruzzi. Jidher li dawn iż-żewġ programmi kienu fost l-aħħar programmi li l-Banda Leone esegwiet taħt id-direzzjoni ta' Antonio Miruzzi, hekk li fis-sena ta' wara (1894) bħala direttur mużikali ta' din il-banda insibu lill Mro. Vincenzo Carabott.[21] Fil-passat inkiteb li Mro Miruzzi, bejn l-1890 u l-1894 mexxa il-Banda *La Vincitrice* tal-Isla. Biss din l-asserzjoni hija waħda żbaljata għaliex f'dak il-perjodu din il-banda kienet diretta minn Mro. Giuseppe Portelli.[22]

## 4. Is-Snin fit-Tuneżija.

Lejn l-aħħar ventenju tas-seklu dsatax, il-komunità maltija f'Tunes kienet tlaħħaq madwar 11,000, it-tielet l-akbar wara dik taljana u franċiża. Din il-komunità żammet l-identità maltija kemm f'dak li huwa lingwa kif ukoll bħala tradizzjonijiet. Fost it-tradizzjonijiet li kienu mħaddna mill-maltin ta' Tunes, kien hemm il-festi reliġjużi.[23] Iż-żjara li l-Filarmonica La Valette għamlet f'Tunes, jidher li wasslet għat-tnissil ta' banda simili f'Tuneż li bdiet iġġib l-isem ta' *Filarmonica La Valette di Tunisi*. Fl-ewwel snin tagħha din il-banda jidher li kienet taħt id-direzzjoni ta' ċertu Mro G. Borg.[24] Lejn il-bidu tas-sena 1894, Mro Antonio Miruzzi kien avviċinat sabiex jieħu f'idejh it-treġija ta' din il-banda melito-tuneżina. Nhar it-3 ta' Mejju 1894, Antonio Miruzzi imbarka fuq il-bastiment *SS Ville de Naples*, dirett lejn il-belt ta' Tunes.[25] Skont rapporti fil-ġurnali tal-epoka, taħt it-treġija ta' Mro Antonio Miruzzi, din



*Il-bastiment SS Ville de Naples li fuq salpa Miruzzi fi triqtu lejn Tuneż*

[19] *Gazzetta di Malta*, 10.viii.1893.
[20] *Gazzetta di Malta*, 11.viii.1893.
[21] *Gazzetta di Malta*, 28.vi.1896.
[22] *Gazzetta di Malta*, 18.ii.1893, 8.vi.1893, 4.v.1893
[23] Skik, H. (1972); *Le Maltaise en Tunesie* u Smith A. (2000), *The Maltese in Tunisia before the Protectorate*, Journal of Mediterranean Studies Vol 10.
[24] *Gazzetta di Malta*, 11.vii.1892 La Festa del 14 Luglio: din il-banda esegwiet program f'Tunes fejn bosta mix-xogħolijiet esegwiti kien ta' ċert G Borg, li jagħti wieħed x'jifhem li kien is-surmast direttur ta' din il-banda.
[25] NAM CUS L146.

il-banda għamlet progress kbir. F'artiklu li deher fil-*Gazzetta di Malta* tal-14 t'Awwissu 1894, taħt it-titlu *Onore al Merito*, kien irrappurtat li din il-banda esegwiet program mużikali fl-*Avenue de France*, aktarx fl-okkazjoni tal-jum nazzjonali ta' Franza.[26] F'dan il-program il-banda kienet esegwiet il-marcia *Out of Home* kompożizzjoni ta' Antonio Miruzzi, is-sinfonija tal-opra *La Mascotte* ta' Edmond Audran, sinfonija mill-opra *Rigoletto* ta' Giuseppe Verdi, il-valz *Zoe*, kompożizzjoni oħra ta' Miruzzi u l-polka *Rouge et Noire* ta' Charles Coote. Fi tmiem dan il-program mużikali il-maltin ta' Tunes kienu rregalaw lil Mro Miruzzi bukkett ward bojod u ħomor.[27] Il-president ta' din l-għaqda mużikali, Alfonso Busutil, kien irregala lil komunità melito-tuneżina żewġ statwi, waħda tirrappreżenta lil Malta u l-oħra lil Dun Gejt Mannarino. Dawn iż-żewġ statwi, xogħol il-kartapestarju malti Vincenzo Cremona, kienu inawgurati wara dan il-program.[28] Kemm dam jidderieġi il-banda ta' Tunes, ftit għandna informazzjoni. Xi awturi kitbu li Mro Miruzzi kien irritorna ftit wara minħabba mard.[29] Żgur li f'Mejju 1897 huwa kien diġa rritorna Malta u flimkien ma' Mro Carabott, mar Sirakuża.[30] Il-banda Tuneżina kienet mistiedna Malta sabiex tieħu sehem fil-festi organizzati fl-okkażjoni tal-ġublew tad-djamanti tar-Reġina Victoria.[31] Skont rapporti fil-ġurnali, fis-sena 1897, din il-banda kienet mingħajr surmast.[32] Dan jista jindika li Mro. Miruzzi ma kienx ilu li telaq minn Tunes. Indikazzjoni oħra li l-partenza ta' Miruzzi kienet għada friska joħroġ mill-fatt li fir-repertorju tagħha, din il-banda melito-tuneżina kellha żewġ kompożizzjonijiet ta' Antonio Miruzzi: l-overture *La Panseuse* u *Fantasie Arabe*.[33]



*1894 fl'Avenue de France, il-banda Melito-Tuneżina diretta minn Mro. Miruzzi itellgħa il-program mużikali*

Waqt il-premanenza tagħha f'Malta, *Filarmonica La Valette di Tunisi* kienet mistiedna sabiex itellgħa diversi programmi mużikali f'diversi lokalitajiet f'Malta. In vista tal-fatt

---

[26] Fit-trattat ta' Bardo (1881), Franza prattikament ħadet f'idejha it-tmexxija tat-Tuneżija (L-italja issejjaħ dan it-tratta bħala *Lo Sciaffo di Tunisi*). Wara dan it-trattat bdiet il-fraċiżazzjoni tat-Tuneżija. Huwa f'dan il-kuntest li din il-banda Melito-Tuneżina fakkret il-jum nazzjonali ta' Franza b'dan il-program mużikali fl-Avenue de France.

[27] *Gazzetta di Malta*, 14.viii.1894.

[28] *Gazzetta di Malta*, 27.ix.1894

[29] Grech G. (1995), *Antonio Miruzzi*, Annwarju tas-Soc Fil Isouard, 62.

[30] NAM CUS20 Vol 182. Dakinhar fuq l-istess bastiment kien ivvjaġġa il-kontinġent tal-Banda San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Din il-banda kienet ħadet sehem fil-festa ta' Santa Luċija iċċelebrata f'dik il-belt. Aktarx li din kienet l-ewwel okkażjoni li l-Banda San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi kienet diretta minn Mro Carabott u għalhekk il-preżenza ta' Miruzzi f'din il-mawra jista jindika li Miruzzi kien fost il-mużiċisti imsejħa minn Mro Carabott sabiex isaħħu l-organiku tal-banda qormija.

[31] Il-kontinġent ta' din il-banda melito-tuneżina, kompost minn 62 mużiċist wasal Malta nhar il-21 ta' Ġunju 1897 fuq il-bastiment SS Moise. Skont il-ġurnal *Il Vera Mannarino* (10.vii.1897, 2): *Il-banda ta' Tunes giet Malta bil hila ta certi Maltin minn Malta, li bejniethom hargu somma biex jimmantjenu il componenti ghal tmien t'ijiem shah.*

[32] *Il Veru Mannarinu*, 12.vi.1897, 2.

[33] *Risorgimento* 30.vi.1897.

li din il-banda kienet mingħajr surmast kienu diversi is-surmastrijiet maltin li dderiġew lil din il-banda waqt dawn il-programmi. Mro. Antonio Miruzzi kien idderieġa din il-banda melito-tuneżina fil-programm li tellgħat fi Pjazza Santa Margerita f'Bormla.[34] L-isem li kien għamel barra minn xtutna kien qiegħed ikollhu eku f'pajjiżna wkoll, fejn minkejja 'l bogħod minn artna il-kompożizzjonijiet tiegħu mhux biss baqgħu jindaqqu mill-baned Maltin, iżda l-kompożizzjonijiet tiegħu bdew jieħdu posthom fir-reportorju tal-baned flok dawk ta' zijuh Paolo. Fost ix-xogħolijiet mużikali tiegħu li kienu jindaqqu mil-baned maltin insibu l-kwadrilja *Duke of Edinburg*;[35] il-polka *La Promessa*,[36] il-marċi *La Retairde*,[37] *Out of Home*,[38] *Last Time*,[39] kif ukol il-valzi *Il Pensiero*[40] u *Time Ago;*[41].

## 5. Ir-relazzjoni bejn Mro Carabott u Mro. Miruzzi.

L-esperjenza barra minn xtutna, issodat il-karattru u l-kapaċità mużikali ta' dan il-mużiċista. Il-pinna mużikali tiegħu saret waħda fluwida, hekk li sas-sena 1896, kien diġa ikompona mill-anqas 13-il marċ funebri.[42] Lura Malta, l-ewwel impenn ta' Antonio Miruzzi jidher li kien bħal direttur tal-orkestra mandolinistika li fis-sena 1897 twaqqfet fi ħdan il-Fil La Valette (Valletta).[43] L-ewwel kunċert imtellgħa minn din l-orkestra mandolinistika kien il-*Gran Concerto* li ttellgħa fit-Tejatru Rjal nhar it-12 ta' Diċembru 1897.[44] Dan il-kunċert kien maqsum fi tliet partijiet, fejn fit-tieni parti iddebuttat din l-orkestra mandolinistika diretta minn Mro Miruzzi. Dakinhar l-orkestra esegwiet erba' xogħolijiet mużikali, tnejn minnhom, il-marċ *Tunesi* u l-valz *Il Cassiere,* kompożizzjoni ta' Antonio Miruzzi. Il-ġurnali tal-epoka kellhom kliem ta' tifħir għal dan il-kunċert. Il-korrispondent tal-*Gazzetta di Malta* ikkummenta hekk: *non possiamo non congratularci cordialmente colle dette Societa, ma particolarmente col Mro. Miruzzi il quale in cosi breve tempo seppe educare quasi alla perfezionenella arte*


**La Vallette**

Un esito splendido veramento ebbe jeri il Gran Concerto dato dalle Società Filarmonica e Mandolinistica «La Vallette», nel Real Teatro, gentilmente concesso dall'Impresario cortesemente coadiuvate dalla Compagnia Filodrammatica Maltese «L'Indipendenza».

Il Teatro era letteralmente stipato. Il Concerto si aprì con una Sinfonia — *Guglielmo Tell*—inappuntabilmente eseguita dalla Filarmonica sotto l'abile direzione del Maestro Cav. V. Carabott, fragorosamente applaudita e di cui si chiese, ma non si concedette il *bis*. Quindi la Filodrammatica diè una brillantissima Farsa —*Jean de la Granpetreperie*, che ebbe un chiassoso successo. La Società Mandolinistica diè poi principio al suo programma, sotto la direzione del brava Mro. Miruzzi, venendo applaudita entusiasticamente ad ogni pezzo, e costretta a bissare parte dello Selection della « Jone. » Il Vaudeville *Contessa Amalfi* fu eseguita al solito con eccezionale abilità, e diverti moltissimo il numerosissimo pubblico. Insomma così il Concerto come la Rappresentazione furono un brillante successo, e noi non possiamo che congratularci cordialmente colle dette Società, e la detta Filodrammatica, ma particolarmente col Mro. Miruzzi il quale in così breve tempo seppe educare quasi alla perfezione nella arte del mandolino tanti giovani dilettanti che egli può a ragione andar fiero di avere per allievi.

Conchiudiano col dire che tre belle corone di lauro artificiale con ricchi nastri ai colori nazionali furono presentate, una al Mro. Cav. Carabott, un'altra al Mro. Miruzzi e un'altra alla Compagnia Filodrammatica.

---

[34] *La Gazzetta di Malta*, 25.vi.1897.

[35] Indaqqet mill-Banda La Valette; *Gazzetta di Malta*, 23.viii.1894 u 01.ix.1894.

[36] Indaqqet mill-Banda Leone; *Gazzetta di Malta*, 19.x.1894.

[37] Indaqqet mill-Banda La Valette, *Gazzetta di Malta*, 11.vi.1895 u 21.ix.1895 u u mill-Banda Cospicuana San Giorgio, *Gazzetta di Malta*, 06.ix.1895.

[38] Indaqq mill-Banda La Valette, *Gazzetta di Malta*, 21.ix.1895.

[39] Indaqq mill-Banda La Valette, *Gazzetta di Malta*, 30.xii.1895 u 30.ix.1896.

[40] Indaqq mill-Banda Leone, *Gazzetta di Malta*, 18.vii.1895.

[41] Indaqq mill-Banda La Valette, *Gazzetta di Malta*, 12.vii.1895; *Il Vero Mannarino*, 31.xii.1898.

[42] *Gazzetta di Malta*, 01.iv.1896. Il-Fil La Valette (Valletta) fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' dik is-sena kienet daqqet il-Marcia Funebre Nru 13. Dan jagħtina x'nifmhu li fl-arkivju tagħhom La Valette kellhom mill-anqas 12-il marċ funebri ieħor ta' Antonio Miruzzi.

[43] Risorgimento 30.vi.1898.

[44] *Gazzetta di Malta*, 06.xii.1897.

*del mandolino tanti giovani dilettantiche egli può a ragione andar fiero di aver per allievi.*[45] Ftit jiem wara, nhar il-6 ta' Jannar 1898, din l-orkestra mandolinistika kienet mistiedna sabiex ittellgħa program il-Belt.[46] Kunċerti oħra imtellgħa minn din l-orkestra mandolinistika kienu dawk f'Tas Sliema (Lulju 1898),[47] Fi Pjazza Teżorerija il-Belt (Ġunju 1899)[48] u waqt il-ġita fuq il-piroskafu *Carola* għal Marsalforn (Ġunju 1899).[49] Il-progress li rreġistrat din l-orkestra mandolinistika wassal sabiex fil-laqgħa tat-23 ta' Novembru 1898, il-kumitat ta' Soc. Fil, La Valette iddeċieda li s-salarju ta' Mro Miruzzi jiżdied b'lira, bl-obbligu li *jgħallem lill-allievi, li jirranġa l-biċċiet tal-mużika li jkun hemm bżonn, u li jagħmel żewġ kunċerti fil-ġimgħa.*[50] Skont dan il-ftehiem, il-mużika rranġata kellha tibqa' proprjetà tal-għaqda anki wara tmiem l-ingaġġ tiegħu.

L-involviment ta' Mro Miruzzi mas-Soc. Fil Nazzionale La Valette ma kienx ikun possibli li ma kienx għar-relazzjoni eċċellenti li Antonio Miruzzi kellu ma' Mro Vincenzo Carabott. Mro. Carabott kellu fiduċja sħiħa fil-kapaċitajiet mużikali ta' Miruzzi. Fil-programmi mużikali li Mro Carabott kien itellgħa mal-baned La Valette u Leone, mhux biss kien jinkludi kompożizzjonijiet ta' Miruzzi[51] iżda meta Mro. Carabott kien ikun indispost, kien jafda l-bakketta ta' dawn iż-żewġ baned f'idejn Miruzzi. Hekk ġara bejn Ġunju u Lulju tas-sena 1898, meta Miruzzi idderieġa il-Banda Leone fil-programmi mużikali li hija tellgħat fl-okkażjoni tal-festi tal-Għarb[52] u tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta.[53] F'dik is-sena wkoll (1898), Mro. Miruzzi, fl-assenza ta' Carabott, kien idderieġa lil Banda La Valette.[54] Kien għalhekk xejn sorprendenti li meta Mro. Carabott temm l-ingaġġ tiegħu mal-banda *La Valette*, Mro. Miruzzi kien inkarigat mill-kumitat sabiex jieħu ħsieb id-direzzjoni tal-banda sakemm jasal Malta is-suċċessur ta' Mro. Carabott, Mro Gregorio Lucia. Tul dan il-


La Società Musicale cittadina *La Vallette* in occasione della festività nazionale del primo Vescovo di Malta, San Publio, M., eseguirà alla Floriana i seguenti

PROGRAMMI

*Vicino la Chiesa, 23 Aprile ore 8.30 p.m.*
Marcia—Il campo del Pian dei Greci—N.N.
Sinfonia—Morning, Noon & Night—Suppè
Pezzi scelti—Rigoletto—Verdi
Valser—Mes complements—Miruzzi
Scherzo sinfonico originale—Fusco
Polca—Malta—Fusco
*God save the Queen.*

*Piazza St'Anna, 24 Aprile ore 4.30 p.m.*
Marcia—Salve alla gentil Malta—Ermene-(gildo
Sinfonia — I bravi combattenti — Bartoli
Atto I—Aida—Verdi
Valser—Notte andalusa—Stroncone
Gran mosaico—I due gemelli—Ponchielli
Polca—Tripoli—Fusco
*God save the Queen.*
A. Miruzzi,
*Vice-Direttore.*

*Iż-żewġ programmi mużikali li l-Banda La Vallette tellgħat fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Publiju tas-sena 1898. Mro. Miruzzi jidher bħala l-viċi direttur mużikali tal-banda.*

[45] *Gazzzeta di Malta,* 13.xii.1897.
[46] *Gazzetta di Malta*, 05.i.1898.
[47] *Gazzetta di Malta*, 01.vii.1898. F'dan il-program l-orkestra kienet esegwiet il-marċ *Tunesi*, il-valz *Chanteuse* u l-polka *Tic Tic*.
[48] *Gazzetta di Malta*, 21.vi.1899. il-marċ *Tunesi*, il-valzi *Chanteuse* u *Il Cassiere.*
[49] *Gazzetta di Malta*, 30.viii.1899. F'dan il-program l-orkestra kienet esegwiet il-valzi *Vicino al Mar* u *Il Cassiere*.
[50] Ciarlò J.: *Soċjetà Filarmonika Nazzjonali La Valette – l-ewwel 100 sena (1874-1974).* Media Centre, (1994).
[51] **Fil. Leone**: Rabat: Ġunju 1897 (*Gazzetta di Malta* 15.vi.1897) u Ġunju 1898 (*Gazzetta di Malta* 25.vi.1898); Kerċem Lulju 1897 (*Gazzetta di Malta* 08.vii.1897); **Soc Fil La Valette**: Valletta: Lulju 1897 (*Gazzetta di Malta* 31.vii.1897), April 1898 (*Gazzetta di Malta* 15.iv.1898) u Diċembru 1898 (*Gazzetta di Malta* 21.xii.1898 u 28.xii.1898), Floriana: April 1899 (*Gazzetta di Malta* 13.iv.1899).
[52] *Gazzetta di Malta* 27.vi.1898.
[53] *Gazzetta di Malta* 12.vii.1898. Fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu ta' dik is-sena Mro Carabott kien impenjat ma' La Valette fil-kunċerti li din tagħat flimkien mal-banda municipali ta' Sirakusa.
[54] Gazzetta di *Malta*, 08.iv.1898 u 16.ix.1898.

perjodu, Mro Miruzzi kien ingħata ħlas ta' tliet liri fix-xahar "*bid-dmir li jkompli bid-dmirijiet tiegħu ta' direttur tal-Mandolinistika.*" Iż-żelu u l-impenn li kellu lejn il-Banda La Valette, wassluh sabiex jispiċċa l-qorti fi kwistjoni mas-surmast tal-Banda King's Own, Mro Alfred P. Hare.[55] Minkejja id-dedikazzjoni tiegħu lejn il-Filarmonika La Valette, il-wasla ta' Mro. Lucia, kienet ukoll it-tmiem tar-relazzjoni mużikali ta' Miruzzi ma' din il-banda. Il-Banda La Valette, taħt Mro. Lucia, ma baqgħetx iddoqq aktar mużika ta' Miruzzi. Fis-sena 1902, insibu lill Mro. Gregorio Lucia jidderieġi l-Orkestra Mandolinistika.[56] Dan jagħti wieħed x'jifhem li l-ingaġġ ta' Miruzzi anki bħala direttur ta' din l-orkestra, kien intemm ukoll. Xhieda tal-istima li Mro. Carabott kellhu lejn Miruzzi huwa l-fatt li meta fis-sena 1907, Carabott ħa f'idejh il-banda ġdida bl-isem ta' Pinto,[57] Mro. Carabott kien inkluda fir-repertorju ta' dik il-banda mużika komposta minn Miruzzi appożitament għal din il-banda. Eżempju ta' dan huwa l-marċ *Piedi Grotta* li kien indaqq għall-ewwel darba fil-program tal-ewwel tas-sena (1908) li l-banda qormija esegwiet.[58]



*L-Orkestra Mandolinistika La Valette*

---

55 *Gazzetta di Malta*, 29.xi.1898.

56 *Malta*, 24.x.1902.

57 Il-Banda Pinto immexxija minn Carabott, imlaqqma taz-Zokk, ħarġet mill-Banda Pinto imwaqqfa fil-każin Pinto fl-1890. Dan wassal sabiex f'Ħal Qormi għal kważi 10 snin kien hemm żewġ baned bl-isem ta' Pinto, kwistjoni li spiċċat fil-qrati.

58 *Malta*, 30.xii.1907.

## 6. Ħidma fil-qasam bandistiku 1897-1910

Fost l-ewwel li wrew fiduċja fil-ħiliet mużikali ta' Miruzzi, kien hemm id-diriġenti tal-**Banda Nicolò Isouard** tal-Mosta. Sa issa ma għandna l-ebda ħjiel meta Mro Miruzzi ħa f'idejh id-direzzjoni mużikali ta' din il-banda, iżda kollox jindika li dan seħħ appena irritorna mill-ingaġġ tiegħu minn Tuneż, lejn il-bidu tas-sena 1897. Għal-festa ta' dik is-sena Mro Miruzzi kien ikkompona l-innu li ndaqq għall-ewwel darba mill-Banda Nicolò Isouard f'dik il-festa.[59] Fis-sena 1901, mal-Banda Nicolò Isouard, tellgħa program mużikali fl-okkażjoni tal-festa ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ, f'liema program ma inkluda l-ebda kompożizzjoni minn tiegħu.[60] Fost ix-xogħlijiet li huwa ikkompona għal din il-banda insibu l-innu *Maria Assunta*,[61] l-innu *Nicolò Isouard*, il-marċ sinfoniku *Omaggio Nicolò Isouard,* l-innu solenni *Alla Beata Maria Vergine* u poema sagra *Sette Parole*. Okkażjoni speċjali, li għaliha l-Banda Nicolò Isouard ħarġet bl-unuri, kienet dik tas-7 ta' Jannar 1905, meta l-banda ħadet sehem fil-festi speċjali li l-patrijiet minuri tar-Rabat organizzaw sabiex ifakkru il-ġublew tal-Immakulata. Dakinhar il-banda kienet tellgħat program fl-Imdina, fejn fost ix-xogħolijiet mużikali li daqqet, il-banda kienet esegwiet żewġ siltiet mużikali, il-marcia *Maria Concetta* u l-innu *Alla Vergine Immacolata*; żewġ kompożizjonijiet ta' Mro Antonio Miruzzi.[62] Siltiet mużikali oħra komposti minn Miruzzi u mżanżna mill-Banda Banda Nicolò Isouard kienu il-fantasia *Au Cafè Arabe*,[63] l-kanzunetti *Le Regimente en marche,*[64] l-valz *Ricordo*,[65] *Melodie Italiane*,[66] l-kanzunetta *Prima di Partir*.[67] Mro. Miruzzi baqa fid-direzzjoni mużikali ta' din il-banda mostija sas-sena 1909.[68]



Per gentile invito dei Rev. Padri Minori della Notabile, in occasione delle solenni feste giubilari dell'Immacolata Concezione, le seguenti Società Filarmoniche, suoneranno vicino la loro Chiesa, Sabato 7 Gennaio alle ore 7 p.m. due sceltissimi

PROGRAMMI

Filarmonica *L'Isle Adam*

Marcia—Annina—Cinà
Sinfonia—L'Agonia del Forte—Longo
Grande scelta—Ballo in Maschera—Verdi
Valser—Corbeille de Fleurs—Zammit
Galoppo—Chambrè—Grech
Inno — « L' Isle-Adam »
Dio salvi il Re

Prof. G. Grech,
*Direttore.*

Filarmonica *Nicolò Isouard*

Marcia—Maria Concetta—A. Miruzzi
Sinfonia—Candia Risorta—G. Baschieri
Inno alla Vergine Immacolata—A. Miruzzi
Reminiscenza Verdi—Rid. A. Miruzzi
Valser—Angelo Mio—Pecorini
Inno — « Nicolò Isouard »
Dio salvi il Re

A. Miruzzi,
*Direttore.*

*Sehem il-Banda Nicolò Isouard fil-festi Ġubilari tas-sena 1905, fl-Imdina.*

Banda oħra li lejn tmiem is-seklu 19 kienet fdata f'idejn Mro. Miruzzi, kienet il-banda sliemiża **I Cavalieri di Malta**. Dan seħħ qrib is-sena 1900, wara li kien irriżenja is-surmast fundatur tagħha Mro. Ferdinando Camilleri.[69] L-ewwel servizz dokumentat ta' din il-banda taħt id-direzzjoni ta' Mro. Miruzzi kien dak tat-18 ta' Mejju 1900.

---

59 *Il Vera Mannarino*, 28.vii.1897.
60 *Gazzetta di Malta*, 09.v.1901.
61 *Malta*,11.viii.1905. Dan l-innu indaqq nhar l-ewwel darba lejliet ul-festa tas-sena 1905
62 *Malta*, 03.i.1905.
63 *Malta*, 25.x.1905.
64 *Malta*, 28.i.1906.
65 *Malta* 27.iii.1907.
66 *Malta*, 13.viii.1908.
67 *Malta*, 25.ii.1909.
68 *In-Nahla,* 25.vi.1910, 755: F'Ġunju 1910, il-banda kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro Ferdinando Camilleri.
69 Fis-sena 1900, f'Tas Sliema tfaċċat banda ġdida bl-isem ta' Melita, liema banda kienet diretta mis-surmast Ferdinando Camilleri. (*Gazzetta di Malta*, 14.viii.1900 u 22.iii.1901).

Dakinhar din il-banda kienet tellgħet progamm mużikali fix-xatt ta' Tas-Sliema.[70] Indikazzjoni li dan seta kien l-ewwel programm tiegħu bħala surmast direttur joħroġ minn artiklu li deher fil-*Gazzetta di Malta* tal-21 ta' Mejju 1900, fejn l-artikolista jfaħħar lil dan is-surmast żagħżugħ u jirrapporta li Miruzzi kien ippreżentat il-bakketta mużikali.[71] Taħt Mro Miruzzi din il-banda slimieża bdiet ittellgħa programm mużikali kull xahar f'Tas-Sliema.[72] Din il-banda kienet ukoll tkun mistiedna tagħti is-sehem tagħha f'diversi festi fosthom dik ta' San Ġiljan,[73] il-Kunċizzjoni f'Bormla,[74] in-Nażżarenu f'Tas Sliema[75] u l-Mosta għal-festa tal-Assunta.[76] Biss l-aktar programm presiġjuż kien dak li tellgħat nhar is-27 ta' Marzu, 1901 fl-okkażjoni taż-żjara tad-Duka ta' Cornwall u York.[77] Ħarsa lejn ir-repertorju ta' din il-banda, wieħed malajr jinduna li fil-bidu tas-seklu Mro. Miruzzi naqqas kien sew il-komponiment ta' siltiet bandistiċi u beda jiffoka l-isforzi tiegħu fuq l-arranġamenti ta' mużika operistika. Fost id-diversi arranġamenti għal banda insibu bosta mill-opri ta' Gounod, Donizetti u Verdi. L-uniku xogħol bandistiku ġdid tiegħu kienet il-fantasia *L'ideale,* il-Polka *Pst Pst (Bella)* u l-marċ *Mille Grazzie.*


Musica

La Filarmonica Nazionale *I Cavalieri di Malta*, eseguirà, sul Molo della Sliema, Domenica prossima alle ore 6 p.m. il seguente

PROGRAMMA

1 Marcia—La Fortuna—Nucci
2 Sinfonia—Festa di Campagna—Filippa
3 Pezzi scelti—Puliuto—Donizzetti
4 Duetto—I due Amici—Filippa
5 Introduzione e valser—Le Campane di Corneville—Planquette
6 Pezzi scelti—Faust—Gonoud
7 Polca—La Rondinella—Gatti
God Save the Queen

A. Miruzzi,
*Direttore.*

*L-ewwel program mużikali tal-Banda Cavalieri di Malta taħt id-direzzjoni ta' Mro Miruzzi*

Fis-sena 1901, il-Banda *I Cavalieri di Malta* bdiet tkun mistiedna tieħu sehem fil-festa ta' Stella Maris, fejn f'dik is-sena il-banda kienet tellgħet żewġ programmi mużikali, wieħed lejlet il-festa ħdejn il-knisja u l-ieħor nhar il-festa fix-xatt ta' Tas-Sliema.[78] Għal din il-festa, Mro Miruzzi kien ikkompona innu, *A Maria Vergine Stella del Mare*, fuq versi Dun Pawl Vella D.D. Dan l-innu kien iżżanżan f'lejlet il-festa ta' Stella Maris nhar it-23 ta' Awwissu 1902.[79] Il-livell milħuq minn din il-banda huwa rifless fid-diversi eleġji li dehru fil-ġurnali tal-epoka.[80] L-aħħar program dokumentat tal-Banda *I Cavalieri di Malta* kien dak ta' nhar il-Milied tas-sena 1902.[81] F'Tas-Sliema, fl-istess snin, kien hemm ukoll il-Banda Melita, immexxija mill-eks direttur mużikali tal-*I Cavalieiri di Malta*, Mro. Fedinando Camilleri.[82] Lejn tmiem is-sena 1902, il-Banda Melita għaddiet f'idejn Mro Ciliberti,[83] waqt li qrib is-sena 1904, Mro Ferdinando Camilleri, waqqaf banda oħra f'Tas-Sliema,

[70] *Gazzetta di Malta*, 18.v.1900.
[71] *Gazzetta di Malta*, 21.v.1900.
[72] *Gazzetta di Malta*, 27.vii.1900; 21.ix.1900; 17.xi.1900; 24.xii.1900; 18.i.1901; 15.iii.1901 u 31.v.1901.
[73] *Gazzetta di Malta*, 27.vii.1900.
[74] *Gazzetta di Malta*, 07.xii.1900.
[75] *Gazzetta di Malta*, 18.i.1901.
[76] *Gazzetta di Malta*, 18.viii.1901.
[77] *Gazzetta di Malta*, 23.iii.1901.
[78] *Gazzetta di Malta*, 23.viii.1901.
[79] *Risorgimento* 25.viii.1902: *... il nuovo inno alla Vergina composta dal direttore della Filarm. I Cavalieri di Malta, Mro A. Miruzzi ...'*
[80] *Gazzetta di Malta*, 24.ix.1900 u 23.i.1901 (*l'abile direzzione del maestro Sig Miruzzi*)
[81] *Malta,* 24.xii.1902.
[82] *Malta*, 03.v.1902.
[83] *Malta*,13.ii.1903.

il-*Queen Victoria*. Tas-Sliema, li fil-bidu tas-seklu għoxrin, il-popolazzjoni maskili kienet tgħodd biss 1,673 ruħ,[84] l-eżistenza ta' tliet baned kien insostenibbli. Kien għalhekk xejn sorprendenti li f'qasir żmien il-baned *I Cavalieri di Malta* u *Melita* żarmaw.

Banda oħra li kienet fdata f'idejn Mro Miruzzi kienet il-**Banda San Ġużepp tal-Ħamrun.** Fis-sena 1898, Mro. Miruzzi kien avviċinat mid-diriġenti ta' din il-banda sabiex jieħu f'idejh id-direzzjoni mużikali ta' din il-banda. Fost l-ewwel programmi mużikali li huwa dderieġa ma' din il-banda ħamruniża insibu dak fl-okkażjoni tal-festa tal-Kunċizzjoni (Bormla) tas-sena 1898. F'dak l-program il-banda kienet esegwiet erba' xogħolijiet tiegħu, is-sinfonija *La Panseuse* u tlett arrangamenti mużikali tal-opri *I Due Foscari* (G. Verdi), *Lucia di Lammemoore* (G. Donizetti) u l-*Ernani* (G. Verdi).[85] Bħal fil-każ tal-banda sliemiża, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Miruzzi, il-banda ħamruniża bdiet ittellgħa programmi b'mod frekwenti. Għall-festa tan nawfraġju ta' San Pawl, iċċelebrata fil-belt Valletta, il-banda esegwiet bosta xogħlijiet, fosthom il-marċja ġdida *Lealtà*, is-sinfonija *La Penseuse*, il-kwadrilja *Cavalcade* u wkoll *marcia processionale* ġdida, kollha kompożizzjonijiet ta' Miruzzi.[86] Il-banda kienet mistiedna wkoll is-sena ta' wara għall-festa ta' San Pawl, fejn l-uniku xogħol ta' Miruzzi esegwiet dakinhar kienet il-*marcia processionale*.[87]


*San Giuseppe*, del Hamrun
Marcia — Le Fille de Tambour Major — H. Millars
Sinfonia—La Panseuse—A. Miruzzi
Pezzi scetti—I Due Foscari—Verdi
(Riduzione A. Miruzzi)
Coro e Cavatina—Lucia—Donizetti
(Riduzione A. Miruzzi)
Pezzi scelti—Ernani—Verdi
(Riduzione A. Miruzzi)
Gavotte—Des Mathurins—Lemaise
Inno « S. Giuseppe »
God save the Queen
Ant. Miruzzi,
*Direttore.*

*Diċembru 1898: Il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun għall-ewwel darba taħt id-direzzjoni ta' Antonio Miruzzi.*

Fl-okkażjoni tal-festa ta' Maria Addolorata, iċċelebrata f'Tal-Pietà, fost ix-xogħolijiet mużikali li esegwiet kien hemm il-fantasia ġdida bl-isem *L'Ideale* u l-valz *Time Ago*, it-tnejn kompożizzjonijiet ta' Miruzzi. F'dan il-programm il-banda kienet esegwiet ukoll remeniscenze[88] ta' opri ta' Donizetti, xogħol ta' Miruzzi innifsu.[89] L-istess xogħolijiet kienu esegwiti mill-banda Ħamruniża fil-programm li tellgħat ftit jiem wara (30 ta' Settembru 1900) fi Pjazza San Pawl (il-Ħamrun).[90] Fis-sena 1901, Mro Miruzzi ta' bidu għal programm mużikali li kien jittellgħa fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa. Fl-ewwel programm ta' mużika funebri, il-Banda San Ġużepp kienet esegwiet tliet responsorji (Responsorio Nro 4, Nro 5 u Nro 6), kompożizzjoni ta' Miruzzi.[91] F'dan il-program il-Banda San Ġużepp, kienet esegwiet ukoll il-marċi funebri *Sulla Tomba di Elvira* ta' Nicoletti u *In Ammaritudine* ta' Bennati, żewġ marċi

[84] NSO Malta Blue Books, 1902-1904.
[85] *Gazzetta di Malta* 6.xii.1898.
[86] *Gazzetta di Malta*, 08.ii.1900.
[87] *Gazzetta di Malta* 09.ii.1901.
[88] Remeniscenze huma varjazzjonijiet mużikali ta' kompożizzjonijiet oħra.
[89] *Gazzetta di Malta,* 14.ix.1900.
[90] *Gazzetta di Malta,* 21.ix.1900.
[91] *Gazzetta di Malta,* 22.iii.1901.

funebri li ħafna drabi jkunu attribwieti lill Miruzzi. Programmi simili ittellgħu fl-1903 fi Pjazza San Pawl[92] u fl-1905 biswiet il-knisja,[93] fejn għal darb'oħra kienu esegwieti it-tlett responsorji ta' Miruzzi. Novità oħra għas-sena 1901, kien l-innu sinfoniku (*con voci puerili*) iddedikat lil San Gejtanu. F'dan il-programm, li ttellgħa biswiet il-knisja, barra l-innu lill San Gejtanu, l-banda kienet esegwirt ukoll il-*capricco per quartino*, il-fantasia *L'Ideale* u l-polka *Pst Pst (Bella)* kompożizzjoni tal-istess Miruzzi.[94] Dan l-innu kien indaqq mill-ġdid fis-sena 1904.[95] Xhieda tal-progress kbir li l-banda Ħamruniża kienet qed tagħmel taħt id-direzzjoni ta' Miruzzi, huma id-diversi servizzi mużikali li din il-banda kienet mistiedna tagħmel, kif ukoll ir-repertorju vast li kellha. Għall-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl, tas-sena 1902, il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun kienet mistiedna tesegwixxi tliet programmi. F'dawn it-tliet programmi il-banda kienet daqqet xejn anqas minn 17-il silta mużikali, erbgħa minnhom, kompożizzjonijiet tas-surmast direttur tagħha.[96] Il-festa ta' San Pawl ma kienitx l-unika okkażjoni dik is-sena sabiex il-banda Ħamruniża tkun mistiedna ddoqq il-Belt. Bħala parti mill-festi organiżżati sabiex jiċċelebraw l-inkurunazzzjoni tar-Re Dwardu VII, l-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun kienet tellgħet programm mużikali fi Pjazza San Ġorġ il-Belt.[97]

L-organizzaturi tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu, tal-Belt, għal-festa tas-sena 1904, barra bosta baned maltin (fosthom il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun). Kienu stiednu wkoll lill-*Banda Municipali di Noto*.[98] Il-banda Ħamruniża, diretta minn Miruzzi jidher li impressjonat sew lid-delegazzjoni minn Noto, hekk li l-banda Ħamruniża kienet mistiedna sabiex tieħu sehem fil-festi ad unur San Corrado tas-sena ta' wara.[99] Din kienet l-ewwel mawra tal-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun `l barra minn xtutna. Mro. Miruzzi, barra li għal din il-mawra storika kien ħejja sew lill bandisti, għal din l-okkażjoni kien ikkompona tliet siltiet mużikali ġodda: L-innu lill San Corrado, il-marcia *Un Saluto a Noto* u l-valz *Baci.*



[92] *Malta*, 03.iv.1903.
[93] *Malta* 14.iv.1905.
[94] *Gazzetta di Malta*, 05.viii.1901.
[95] *Malta*, 03.viii.1904.
[96] *Malta*, 13.ii.1902.
[97] *Malta*, 07.xi.1902.
[98] *Malta*, 11.vii.1904.
[99] Il-belt ta' Noto tiċċelebrail-festa ta' San Corrado darbtejn fis-sena, fi 19 ta' Frar u fl-aħħar Ħadd ta' Awwissu. Il-festa ta' Awwissu, li għaliha kienet mistiedna l-banda tal-Ħamrun, tikkommemora il-beatifikazzjoni tal-qaddis, li seħħet fit 28 ta' Awwissu 1515

L-ewwel impenn mużikali f'Noto kien dak tas-26 t'Awwissu, fejn fil-*Giardini Municipali*, il-banda kienet daqqet program mużikali, fejn nofs il-kompożizzjonijiet esegwiti kienu xogħolijiet mużikali ta' Miruzzi. L-għada, fil-pjazza prinċipali ta' Noto, il-banda esegwiet programm ieħor, liema programm kien jinkludi żewġ xogħolijiet oħra ta' Miruzzi, fosthom l-innu lil San Corrado.[100]



La Società Musicale *San Giuseppe del* Hamrun

A NOTO

*Sabato 26 Agosto alle ore 21*

Nel Giardino Pubblico

PROGRAMMA

1 Marcia—Un Saluto a Noto—A. Miruzzi
2 Sinfonia—Jean de Paris—Boieldieu
3 Grande scelta—Faust—Gounod
4 Valser—Baci—A. Miruzzi
5 Introd. Interm. e Finale 2do } Adriana Lecouvreur—Cilèa
6 Polca-Valser—Pst! Pst!—A. Miruzzi

Marcia Reale Italiana

Dio Salvi il Re

***

*Domenica 27 Agosto alle ore 21*

In Piazza Principale

1 Marcia—I Bersaglieri—Cappetti
2 Sinfonia—Vita Nuova—Frosali
3 Inno a San Corrado—A. Miruzzi
4 Reminescenze di Verdi—A. Miruzzi
5 Finale 3zo—Il Guarany—Gomes

Marcia Reale Italiana

Dio Salvi il Re

A. MIRUZZI,
*Direttore.*

Din ma kienitx l-unika mawra fi Sqallija mill-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun. Fis-sena 1910, il-banda taħt id-direzzjoni ta' Mro Antonio Miruzzi, kienet mistiedna mill-Comune ta' Spaccaforno (illum Ispica) sabiex tieħu sehem f'waħda mill-purċissjonijiet li jsiru f'dik il-belt nhar il-Ġimgħa l-Kbira.[101] F'din l-okkażjoni unika, il-banda taħt id-direzzjoni ta' Antonio Miruzzi, tellgħet diversi programmi mużikali, bl-aħħar wieħed kien dak li tellgħat fl-istazzjon tal-ferrovija qabel ma telqet lejn Sirakuża sabiex taqbad il-vapur lejn Malta. Is-suċċess ta' din il-mawra huwa rifless f'ittra, datata is-6 t'April, li s-sindku ta' Spaccaforno, Carmelo Gradanti, kiteb lis-soċjetà Ħamruniża, liema ittra kienet riprodotta fil-Malta tad-9 t' April 1910.





La Filarmonica "San Giuseppe"
*DEL HAMRUN*

Questa pregiata Filarmonica in occasione dell'ultima Settimana Santa venne invitata dal Comitato delle Feste della S.S. Croce di Spaccaforno (Sicilia) per eseguirvi dei programmi musicali. La Filarmonica ebbe colà delle festose e spontanee accoglienze da parte di tutta la cittadinanza e delle autorità di Spaccaforno, che ebbero per essa parole di grande ammirazione. Difatti la Filarmonica sotto l'abile direzione del Maestro A. Miruzzi eseguì con ammirabile perfezione i programmi musicali annunziati e riscosse caldi e frequenti applausi. Varii discorsi furono tenuti, l'ultimo dei quali nella Stazione di Ferrovia, al ritorno della Filarmonica a Malta. Vi rispose con adeguate parole il Presidente signor Conti, il quale venne ad ogni frase entusiasticamente applaudito.

Intanto ci piace pubblicare la lettera che il Sindaco di Spaccaforno ha spedito di questi giorni alla detta Filarmonica:—

Gabinetto del Sindaco
Spaccaforno

Ill.mo signor Temistocle Conti
Pres. del Circolo Musicale *S. Giuseppe*
Hamrun—Malta.

Graditissimo è tornato a questa Cittadinanza il pensiero gentile che di essa ha avuto cotesto spettabile Consesso, e così bellamente esposto dalla S. V., che ne è degno rappresentante.

Nel ringraziarla vivamente sono lieto di ricambiare alla S. V. ed agli egregi compagni che La circondavano, nonchè a quanti ebbe l'onore di ospitare la nostra città ed a quegli altri Signori che fan parte del Circolo Musicale, i medesimi auguri e sentimenti che la S. V., tanto graziosamente, ha espresso verso questa rappresentanza e verso i cittadini.

Gradisca, Signor Presidente, l'attestato della mia migliore stima e considerazione

p. Il Sindaco
CARMELO GRADANTI.

Sicilia (Siracusa)
Spaccaforno lì 6/4/1910.

*Fuq: Ritratt meħud lejn il-bidu tas-seklu għoxrin, ta' waħda mill-purċissjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa ta' Spaccaforno (Ispica). Fuq il-lemin l-ittra ta' ringrazzjament li s-sindku ta' Saccaforno kiteb lis-Società Filarmonica San Giuseppe tal-Ħamrun, kif riprodotta fil-ġurnal Malta.*

[100] *Malta,* 28.viii.1905.
[101] *Malta*, 09.iv.1910.

Il-parteċipazzjoni tal-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun fil-festi tal-Belt u l-Furjana, jkomplu jgħatu xhieda tal-preparazzjoni mużikali ta' din il-banda kif ukoll tar-repertorju vast tagħha. Il-pinna prolifika ta' Miruzzi kienet gradwalment issaħħaħ ir-repertorju ta' din il-banda. Għall-festa ta' San Publiju tas-sena 1906, il-banda kienet mistiedna ddoqq lejlet u nhar il-festa. F'dawn iż-żewġ programmi, Miruzzi kien żanżan is-solo per clarino (aktarx kompost għal bandist partikulari tal-banda San Ġużepp) kif ukoll id-*Divertimento Napolitano*.[102] F'Lulju tal-istess sena, fl-okkażjoni tal-festi ġubilari tal-inkurunazzjoni tal-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt, il-Banda San Ġużepp kienet mistiedna ittellgħa tliet programmi mużikali fuq daqstant jiem, fejn il-banda kienet esegwiet xejn anqas minn 17-il silta mużikali, tlieta minnhom kompożizzjonijiet tas-surmast direttur tagħha.[103] Għal-festa ta' San Gejtanu tas-sena 1906, nhar lejlet il-festa, il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun kienet żanżnet l-*Inno Nro 2 a San Gaetano* (con voci puerili), kompożizzjoni oħra ta' Mro Miruzzi.[104] F'din l-okkażjoni wkoll, Miruzzi kien ippreżenta għall-ewwel darba il-kompożizzjoni li ġġieb l-isem *Le Châ min de Fer*. Il-progress reġistrat minn din il-banda Ħamruniża taħt id-direzzjoni ta' Miruzzi huwa evidenzjat minn numru ta' impenji li din il-banda kellha. Ħarsa lejn l-impenji tas-sena 1907, wieħed isib li barra s-servizzi fil-festa ta' San Gejtanu, din il-banda tellgħat xejn anqas minn erba' programmi oħra fil-Ħamrun, waqt li kienet mistiedna tieħu sehem fil-festi prinċipali tal-Belt Valletta u l-Furjana.[105] Ma' dawn wieħed iżid is-servizzi li l-banda kienet tkun mistiedna ittellgħa l-Isla,[106] Ħal Tarxien[107] u fil-festi speċjali li saru fl-okkażjoni tas-seba' ċentinarju mil-fondazzjoni tal-patrijiet minuri.[108]


**In occasione della festività di N. S. del Carmelo le sottoindicate Musiche eseguiranno i seguenti**

PROGRAMMI

**San Giuseppe,** del Hamrun
*Giovedì 14 Luglio alle ore 9 p.m.*
Vicino la Chiesa del Carmine

1 **Marcia—Annina—Cinà**
2 **Sinfonia—Il Bersagliere—Gatti**
3 **Pezzi scelti—Poliuto—Donizetti**
4 **Polca—Ida—Manente**
5 **Pezzi scelti—Ernani—Verdi**
6 **Valser—Angelo mio—Pecorini**
Inno « San Giuseppe »

* * *

*Venerdì 15 Luglio alle ore 9 p.m.*
In Strada Zecca

1 **Marcia—In uniforme—Miruzzi**
2 **Sinfonia—Martha—Flotow**
3 **Pezzi scelti—Norma—Bellini**
4 **Serenata—Sul Bosforo—Evard**
5 **Pezzi scelti—Ruy Blass—Marchetti**
6 **Danza—Ballo Excelsior—Marenco**
Inno « San Giuseppe »

* * *

*Sabato 16 Luglio alle ore 9 p.m.*
Vicino la Chiesa

1 **Marcia—Marcatalese—Filippa**
2 **Sinfonia—Omaggio a Bellini—Mercadante**
3 **Fantasia—La Festa del Villaggio—Ghiberri**
1 **Valser—Sogno Dorato—Pecorini**
5 **Serenata**
6 **Polca—Pst Pst—Miruzzi**
God Save the King

A. Miruzzi,
*Direttore.*

---

[102] *Malta*, 25.iv.1906. F'dawn iż-żewġ programmi mużikali Miruzzi kien inkluda wkoll siltiet minn kanzunetti naplitani kif ukoll is-Sinfonija Nru 3

[103] *Malta*, 13.vi,1906.

[104] Malta, 04.viii.1906.

[105] San Publiju (*Malta,* 11.iv.1907), Tal-Karmnu (*Malta,* 11.vii.1907) u San Duminku (*Malta,* 13.ix.1907).

[106] *Malta*, 05.viii.1910.

[107] *Malta*, 21.iii.1911.

[108] *Malta*, 01.x.1909.

Ħilet Antonio Miruzzi fil-qasam tad-direzzjoni tal-baned ċivili wassal sabiex lejn l-aħħar nofs tas-sena 1903, Antonio Miruzzi jkun maħtur *Civilian Band Master* tal-banda tal-ewwel battaljun tar-**Royal King's Own Militia**. Antonio Miruzzi mexxa din il-banda għal-sentejn biss. F'dawk is-sentejn (1903-1905), din il-banda kienet ittellgħa diversi programmi mużikali fil-pjazez ewlenien ta' Malta, fosthom Pjazza San Ġorġ il-Belt, il-pjazza tal-Birgu u Għar-id-Dud (Tas-Sliema). Miruzzi mhux biss għaqqad din il-banda, iżda kellu jibnilha repertorju. Għaldaqstant, għall-ewwel programmi li din il-banda tellgħet, kellu saħansitra jikkomponi l-mużika addatata. Fost ix-xogħlijiet li kiteb appożitament għal din il-banda insibu is-Sinfonija Nru 3 u l-polka *Verba*. Mid-diversi programmi li din il-banda ta' spiss tellgħet fis-sentejn li għamlet taħt id-direzzjoni ta' Miruzzi, żgur l-aktar programm mużikali prestiġjuż żgur li kien dak tal-10 t'April 1904 fi Pjazza San Ġorġ il-Belt fl-okkażjoni taż-żjara tal-Kaiser Guliermu II. L-imperatur tal-Ġermanja, kien wasal Malta, il-jum ta' qabel, fuq il-vaxxel imperjali *Hohenozellern*. Il-program taż-żjara kien jinkludi laqgħa mal-gvernatur fil-palazz il-Belt. Waqt din iż-żjara ta' kortesija fil-palazz, il-banda tal-ewwel battaljun tar-Royal King's Own Militia ipprovdiet akkumpanjament mużikali billi esegwiet programm mużikali fi pjazza San Ġorġ.



**Il programma di domani**

L'Imperatore della Germania dopo il servizio divino si recherà pel Leunch al palazzo di S. E. il Governatore.

Delle guardie d'onore verranno messe alla Dogana ed al palazzo del Governatore.

La Banda della Milizia Maltese sotto la direzione del signor A. Miruzzi eseguirà il seguente programma in Piazza S. Giorgio:

Marcia—Elisa—Bertini
Sinfonia—Jean de Paris—Boieldieu
Atto III—Le Bohême—Puccini
Polka—Verba—Miruzzi
Pezzi scelti—Faust—Gounod
Melodia—A Dervish Chorus—Sommer
God save the King

S. M. l'Imperatare visiterà il Palazzo del Governatore, l'Armeria e si recherà a Sant'Antonio.

Il pranzo lo farà a bordo dell'yacht Reale.

*Il-program mużikali li l-banda tal-Militia taħt Miruzzi tellgħat fl-okkażjoni taż-żjara tal-Kaiser Guliermu II.*

## 7. **Mużika addatata għall-udjenza**:

L-ewwel snin tas-seklu għoxrin kienu snin ferm impenjattivi għal Antonio Miruzzi. Taħt id-direzzjoni tiegħu, huwa kellu tlett baned ċivili; (in-*Nicolò Isouard* tal-Mosta, is-*San Giuseppe* tal-Ħamrun u l-*Cavallieri di Malta* ta' Tas-Sliema) u waħda militari. Bejn dawn l-erba' baned, f'temp ta' sentejn (1901-1902) kien tellgħa xejn anqas minn 22 program mużikali. Ħarsa lejn il-programmi mużikali ta' dawn il-baned wieħed malajr jinduna li l-mużika li kienet tkun magħżula kienet tkun addattata għall-udjenza li kien jistenna li jkollu. Hekk f'Tas-Sliema, fejn l-udjenza kienet l-parti l-kbira tagħha nies mill-klassi għolja tas-soċjetà maltija u midħla tal-ġeneru operistiku, ir-repertorju tal-Banda *I Cavallieri di Malta* kien jinkludi l-aktar remeniscenze - varjazzjonijiet mużikali, miktuba minn Miruzzi stess u ibbażati fuq opri famużi. Fost ix-xogħolijiet esegwieti mil-banda slimieża nsibu *La Forza del Destino*[109] u l-*Ernani* ta' Verdi, *Lucia di Lammemoore* ta' Donizetti.[110] Din il-banda kienet ittellgħa program mużikali kważi

[109] *Malta*, 23.xii.1901.
[110] *Malta*, 23.i.1902.

kull tlett xhur, jew fix-xatt ta' Tas-Sliema jew Għar id-Dud. B'kuntrast ix-xogħolijiet li Miruzzi kien jgħażel sabiex idoqq mal-baned tal-Ħamrun u l-Mosta, kienu xogħolijiet aktar għal widna tal-popolin, hekk insibu kanzunetti naplitani, polki, valzi u mużika oħra ballabbli. Miruzzi kien ukoll jikteb mużika ispirata minn xi karatteristika tal-post. Każ tipiku hija is-silta mużikali *Le Châ min de Fer* (it-Triq tal-Ħadid)[111] li żanżnet fil-festa ta' San Gejtanu tas-sena 1906 u l-*marcia caratteristica* Spartans, li kkompona fis-sena 1913, meta l-Ħamrun Spartans rebħu l-ewwel kampjonat kalċistiku fl-istorja tagħhom.[112] Eżempju ieħor huma l- *Fantasie Arabe* u *Au Cafè Arabe,* mużika ispirata mis-soġġorn tiegħu f'Tuneż.

## 8. Trasformazzjoni ta' orkestri f'baned.

Is-suċċess miksub minn Mro Miruzzi mal-orkestra mandolinistika ta' La Valette, fetaħ opportunitajiet oħra f'dan l-qasam mużikali speċjalment fil-konverżjoni ta' organiċi orkestrali għal organiċi bandistiċi. L-ewwel għaqda li għaddiet minn din it-trasformazzjoni kienet is-*Società Filarmonica Pio X*. Fis-sena 1894 fir-raħal ta' Ħal-Lija, dak iż-żmien irħajjel żgħir imdawwar b'ġonna tal-larinġ, twaqqfet orkestra mandolinistika bl-isem ta' *Soċjetà Mandolinistika Fior d'Arancio.* Din l-orkestra mandolinistika kienet diretta minn Mro. Francesco Pizzuto[113] megħjun minn ibnu Attilio Pizzuto.[114] F'Mejju tas-sena 1905, twaqqaf każin li beda jġib l-isem tal-Papa renjanti, Pio X. Il-kumitat ta' dan il-każin, minnufih nieda konkors nazzjonali sabiex jaħtar surmast direttur għal banda l-ġdida li xtaq li titwaqqaf f'dan il-każin. Kienu bosta il-mużiċisti li wrew interess, iżda l-għażla waqgħet fuq Antonio Miruzzi.[115] Miruzzi ħtieġlu jibni organiku bandistiku mill-bażi tal-mużiċisti tal-orkestra. Dan seħħlu kważi sena wara, meta aktarx nhar l-ewwel jum tas-sena 1907, din il-banda bl-isem ta' Pio X daqqet għall-ewwel darba.[116] Kien bix-xieraq li l-ewwel żewġ siltiet mużikali li daqqet din il-banda kienu kompożizzjonijiet ta' Miruzzi, komposti appożitament għal din l-okkażjoni. Dawn


Ringraziamo il Presidente ed i membri del Comitato del Circolo Pio X (Villa Lia, 68 Strada Forni) del Biglietto che ci hanno favorito per l'inaugurazione del suddetto Circolo e la presentazione e benedizione di due stendardi, dono dei Colonelli G. De Piro C.M.G. e G. Francia K.O.M.M.
La Società Musicale *Pio X* eseguirà, intanto, il seguente

PROGRAMMA

Marcia—Il Presidente—Miruzzi
Sinfonia—Ogni principio è forte—Miruzzi
Pot-pourri—Faust—Gounod
Mazurca—L'Idealismo—Frozali
Pot-pourri—La Mascotte—Audran
Polca—La Ribotta—Becucci.
" Marcia Pontificia "
Dio salvi il Re
A. Miruzzi, *Direttore.*

*L-ewwel programm mużikali tal-Banda Pio X.*

[111] *Il-Ħabib*, 22.iv.1913: il-linji tal-ferrovija kienu jisseejħu it-Triq tal-Ħadid, li bil-franċiż tiġi Traduzzjoni ta' *Le Châ min de Fer.*

[112] *Malta*, 21.i.1913. Dan il-marċ indaqq għall-ewwel darba fi program li l-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun daqqet fil-Ħamrun fil-bidu tas-sena 1913.

[113] *Malta*, 14.v.1902.

[114] *Malta*, 16.ix.1902. Il-Banda La Valette telgħet program mużikali f'Għar id-Dud tas-Sliema, fejn fost ix-xogħolijiet li esegwiet kien hemm dak taż-żagħżugħ kompożitur Attilio Pizzuto.

[115] Sciberras M., Saliba M. (2005), *Is-Soċjetà Mużikali San Pio X – Lija, 100 sena storja 1905-2005*, Anwarju Każin Banda San Pio X, 136-137.

[116] Is-soċjetà Pio X tagħti id-data tal-ewwel program l-20 ta' Diċembru, 1906, iżda il-ġurnal il-Malta ħabbar dan il-program fil-ħarġa tas-27 ta' Diċembru 1906, li jgħati wieħed x'jifhem li l-programm kien ser jittellgħa wara d-data li kien avżat.

kienu il-marċ *Il Presidente* u is-sinfonija *Ogni Principio è Forte*.[117] Kif ifisser l-isem tal-ewwel sinfonija li daqqet, il-bidu ta' din il-banda kien wieħed ferm b'saħtu. Fil-fatt f'dik is-sena, il-banda għamlet mill-anqas erba' servizzi oħra: fil-festa ta' San Ġużepp tar-Rabat,[118] lejliet u nhar il-festa ta' Corpus Domini fir-Rabat,[119] u fil-festa tas-Salvatur Ħal-Lija, fejn il-banda kienet żanżnet l-innu marċ *Pio X* u l-innu sinfoniku *Gesu sul Tabor*.[120] Ħarsa lejn dawn l-ewwel ħames programmi tal-Banda Pio X, wieħed jinduna li fl-ewwel sena tagħha, r-repertorju ta' din il-banda kien jinkludi 17-il silta mużikali, li tnax minnhom kienu esegwieti fiż-żewġ servizzi li l-banda kienet għamlet ir-Rabat għall-festa ta' Corpus. Is-sena ta' wara (1908), għal-festa ta' San Pawl il-Belt, il-Banda Pio X, kienet mistiedna ittellgħa żewġ programmi.[121] F'dawn iż-żewġ programmi il-banda kienet esegwiet tnax-il silta mużikali, li sebgħa minnhom daħlu fir-repertorju tal-banda dik is-sena. B'hekk wieħed jista jgħid li sa kważi sena mill-ewwel program tagħha, Miruzzi kien saħħaha b'repertotju ta' 19-il silta mużikali. Parti sostanzjali minn dan ir-repertorju kienu kompożizzjonijiet ta' Miruzzi, fosthom is-sinfonija *Lorna*, il-mażurka *Lidia*, il-marċi *La Riconoscenza*, *Licia* u *6 Agosto*; kompożizzjonijiet li ndaqqu għall-ewwel darba minn din il-banda. Ħidmet din il-banda issoktat fis-snin ta' wara fejn kienet tkun mistiedna għal-festi ta' Ħal Lija, bħall-festi ta' Santa Ċeċilja[122] u San Luigi Gonzaga,[123] Ħal Tarxien,[124] il-Għargħur,[125] kif ukoll dawk ta' Ħal Balzan.[126] Lejn il-bidu tas-sena 1912, id-diriġenza tal-Banda Pio X, għal xi raġuni illiċenzjaw lill Mro. Miruzzi u minfloku ħatru lill Mro. Antonio Micallef bħala direttur mużikali tal-banda.[127] Milli jidher ftit jiem wara l-program ta' Frar 1912, id-diriġenti tal-Banda Pio X mill-ġdid stiednu lill Miruzzi sabiex jerġa jidderieġi l-banda, bl-ewwel servizz dokumentat huwa dak fil-festa ta' Ħal Balzan b'żewġ programmi mużikali wieħed lejlet u l-ieħor nhar il-festa.[128] Mro. Miruzzi mexxa din il-banda għal għoxrin sena sħaħ, sas-sena 1926.

Għaqda oħra li ħarset lejn Mro. Antonio Miruzzi, sabiex jitrasforma l-orkestra fi ħdana għal banda kienet il-**Filarmonica San Andrea ta' Ħal Luqa**. Fis-sena 1914, Mro. Miruzzi ingħata d-direzzjoni tal-orkestra San Andrea. Huwa minnufih medd għonqu għax-xogħol sabiex jittrasforma din l-orkestra mill-ġdid f'banda. Fost l-ewwel xogħolijiet li huwa kkompona għal din l-għaqda mużikali insibu l-*Inno per San Andrea,* kompożizzjoni għal tenur, baritonu, kor tat-tfal u orkestra.[129] Il-proċess ta'

117 *Malta,* 27.xii.1906.
118 *Malta*, 15.iii.1907.
119 *Malta* 29.v.1907.
120 *Malta*, 01.viii.1907.
121 Malta 05.ii.1908. Iż-żewġ programmi ittellgħu nhar il-festa (10 ta' Frar) wieħed fit 3.30pm fi Strada Teatro u l-ieħor fit-8pm fuq il-palk ta' Stda San Paolo.
122 *In-Naħla*, 21.xi.1908, 86.
123 *Malta*, 08.vii.1908.
124 *Malta*, 21.iii.1911.
125 *Malta*, 28.viii.1910. F'din il-festa il-Banda Pio X, teggħet żewġ programmi, fejn daqqet xejn anqas minn tnax-il silta mużikali, erbgħa minnhom, kompożizzjoni ta' Miruzzi.
126 Ħal Balzan, barra għall-festa titulari (ara *Malta* 23.ii.1908, 22.iii.1909, 28.iii.1911, 12.iv.1912), kienet ukoll mistiedna tieħu sehem fil-festa ta' San Valentinu (Malta 09.vii.1909).
127 *Malta*, 29.ii.1912. Il-ġurnal bl-aktar mod ċar jirraporta li l-Banda "*suonera per la prima volta sotto Antonio Micallef*"
128 *Malta*,12.iv.1912.
129 Fuq waħda mill-partituri insibu mniżżla d-data tat-28 ta' Novembru 1915.

trasformazzjoni ħa madwar erba' snin. F'dan il-perjodu ta' tranżizzjoni, bejn l-1915 u l-1919, il-*Filarmonica San Andrea* kienet topera kemm bħala orkestra u kif ukoll bħala banda. It-trasformazzjoni definittiva seħħet fis-sena 1919. Il-ġurnali tal-epoka[130] jirrapurtaw li nhar Ħadd il-Palm bħala orkestra esegwiet diversi marċi funebri fosthom il-marċ *Un Boeur afflige* kompożizzjoni tas-surmast tagħha. Eżatt xahrejn wara, nhar id-19 ta' Ġunju 1919, issa bħala banda, il-*Filarmonica San Andrea*, ħadet sehem fil-festa ta' Corpus iċċelebrata f'Ħal Luqa fejn kienet esegwiet program mużikali.[131] Jekk wieħed kellu jqabbel ir-repertorju tal-*Filarmonica San Andrea* meta din kienet tiffunzjona bħala orkestra (1905-1919) mal-ewwel sentejn li bdiet tiffunzjona bħala banda (1919-1920) wieħed isib li fil-perjodu li kienet tiffunzjona bħala orkestra kellha repertorju limitatissimu[132] waqt li fl-ewwel sentejn tagħha bħala banda kellha repertorju ta' mhux anqas minn sbatax-il silta mużikali. Fis-snin għoxrin il-Banda San Andrea, taħt id-direzzjoni tas-surmast Antonio Miruzzi, kompliet tikkonsolida ruħha bħala banda.




Ir-repertorju mużikali ta' dak iż-żmien huwa xhieda tat-trasformazzjoni tal-organiku mużikali minn wieħed orkestrali għal wieħed bandistiku. Iż-żewġ programmi li din il-banda luqija tellgħat fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien tas-sena 1920 huma xhieda ta' din it-trasformazzjoni. Għal dawn iż-żewġ servizzi il-banda kienet ħejjiet repertorju ta' mhux anqas minn tnax-il silta mużikali, fosthom il-marċi *Tiebe* u *X Aprile,* kompożizzjoni ta' Mro. Antonio Miruzzi.[133] Sentejn wara, nhar l-1 ta' Lulju 1922, il-Banda San Andrea kienet mistiedna sabiex tieħu sehem fil-festi ċentinarji ċċelebrati fil-Belt Vittoriosa ad unur San Duminku. Għal din l-okkażjoni nhar lejlet il-festa, il-Banda kienet esegwiet diversi siltiet mużikali fosthom l-valz *Ricordo* ta' Miruzzi.[134] Il-mużika magħżula għal dan il-program kienet waħda ftit aktar wiesgħa u aktar kontemporanja, xhieda li l-arkivju mużikali tal-għaqda kien beda jinbena sew. L-arkivju ta' din l-għaqda mużikali huwa mogħni b'diversi arranġamenti mużikali iffirmati minn Miruzzi, jkompli jsaħħaħ il-fehma li dan is-surmast ħadem qattiegħ sabiex din il-banda jkollha repertorju li jħabbattha ma' dak ta' baned oħra. L-indikazzjonijiet huma li Miruzzi irtira minn ma' din il-banda lejn nofs is-sena 1922.[135]

[130] *Malta*, 11.iv.1919.
[131] *Ibid*.
[132] L-istess żewġ siltiet - *Dolorosa* ta' P Vella u *Fra I Cipressi* ta' Sartori – kienu ndaqqu fil-programmi tal-1905 u l-1919.
[133] *The Malta Herald* , 7.iv.1920.
[134] *Malta,* 30.vi.1922.
[135] Il-Guida Generale di Malta e Gozo tas-sena 1925 kienet għada turi lil Miruzzi bħala s-surmast tagħha, iżda rapporti fil-ġurnali tas-sena 1925 (ara Malta 15.v.1925 u 29.viii.1925) juru li l-banda kienet diretta minn Salvatore Spiteri.

Lejn il-bidu tat-tieni deċenju tas-seklu għoxrin, it-tliet baned diretti minn Antonio Miruzzi, kienu stabbilew ruħhom sew, l-aktar il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun. Din il-banda, barra s-sehem fil-festa tal-ibliet u l-irħula kienet tkun mistiedna tieħu sehem f'okkażjonijiet speċjali u li Mro. Miruzzi kien jagħmel l-almu tiegħu sabiex din il-banda toħroġ bl-unuri. Fost dawn wieħed isemmi il-programm mużikali li sar fi Pjazza Reġina bħala parti mill-festi fl-okkażjoni tal-inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ V (1911),[136] iż-żewġ programmi l-banda tellgħat fl-okkażjoni tas-sittax-il ċentinarju mill-edit ta' Milan (magħrufa bħala l-festi Kostantinjani tas-sena 1913)[137] u fil-fiera li ttellgħet f'Villa Bonnici tas-Sliema b'risq ir-restawr tal-knisja tas-Sacro Cuore.[138] Kurjuż huwa il-kunċert li l-*Orchestra Giuseppe Verdi*, diretta minn Luigi Barbato, tellgħet fil-Każin San Ġużepp tal-Ħamrun. Fost ix-xogħolijiet li din l-orkestra esegwiet kien hemm is-sinfonija *Ogni principio è forte* u sinfonija *Dopo mezza notte*.[139] Jidher li fil-perjodu bejn Awwissu u Diċembru tas-sena 1922, Antonio Miruzzi kien qed iħabbat wiċċu ma' xi problemi li kienu qed jimpeduh fil-qasam mużikali. Hekk naraw li f'dan il-perjodu l-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun kienet diretta mis-surmast Emmanuel Spiteri,[140] il-Beland kienet qed tkun diretta minn Mro Dalli,[141] waqt li l-Banda San Andrea għaddiet taħt is-surmast Salvatore Spiteri.

## 9. Ħidmet Miruzzi fit-tieni ventenju tas-seklu għoxrin.

Fit-tieni ventenju tas-seklu għoxrin, Mro Miruzzi kellu taħt id-direzzjoni tiegħu erba' baned ċivili, il-Banda Assunta tal-Mosta, il-Banda Pio X ta' Ħal Lija, il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun u l-Banda Beland taż-Żejtun, kif ukoll il-banda tal-Orfanatrofju.

Taħt id-direzzjoni tiegħu, l-Banda *San Giuseppe* tal-Ħamrun, issoktat ittellgħa program wara l-ieħor. Il-mawriet f'Ispica fi Sqallija għall-festa tal-Ġimgħa l-Kbira[142] u mawriet simili fi sqallija kienu okkażjonijiet fejn il-banda qatgħet figura mill-aqwa. Dan kollu kien possibli għaliex Mro Miruzzi kien jgħati attenzjoni kbira lil qasam tat-tagħlim tal-allievi fejn barra l-kwantità kbira ta' tfal u żgħażagħ li tħarġu taħtu, huwa kien jagħmel l-almu kollhu tiegħu sabiex dawn l-allievi jagħtiehom l-aħjar tagħlim.[143] Il-marċ ta' jum il-festa kien ikun il-vetrina idejali fejn Miruzzi kien iżanżan xi sett ta' marċi ġodda, kif ġara fil-festa tas-snin 1920 u 1922.[144] L-aħħar kunċert bandistiku li din il-banda ħamruniża esegwiet taħt il-bakketta ta' Mro. Miruzzi kien propju program iddedikat lilu. Fi tmiem dan il-programm il-bandisti, b'sinjal ta' rikonoxximent kienu ippreżentawu rigal sabiħ.[145] Il-laxxitu tiegħu lil din il-banda ħamruniża fi tmiem id-29 sena tiegħu kien wieħed rikk. Biżżejjed wieħed iqis li l-banda issa kienet komposta

---

136 *Malta* 20.vi.1911.
137 *Malta*, 12.ix.1913.
138 *Malta*, 18.ix.1920.
139 *Malta*, 01.v.1914.
140 *Malta,* 11.viii.1922. Mro Emm Spiteri dak iż-żmien kien ukoll id-direttur mużikali tal-banda tal-RMA.
141 *Malta*, 06.viii.1922 u 21.ix.1922.
142 *Malta*, 09.iv.1910.
143 Azzopardi C.(1997) : 'L-istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex', vol.2,132.
144 *Malta*, 11.viii.1922.
145 Mifsud Matrenza J.: *Għeluq il-100 Sena mit-Twaqqif tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun*,10.

minn organiku ta' madwar 70 bandist waqt li l-arkivju ta' din il-banda kien mgħoni b'diversi siltiet mużikali. Żgur għal qalb din il-banda Ħamruniża hemm il-*marcia sinfonica* 'San Giuseppe' u l-innu solenni lill San Gejtanu (1901).

Xi kittieba jpoġġu lill Mro Antonio Miruzzi bħala s-surmast direttur tal-**Banda Santa Marija tal-Mosta** bejn is-snin 1900 u 1905. Dan żgur ma setgħax ikun għaliex, kif deher f'rappopt fil-ġurnal il-Malta, tas-sena 1905 din il-banda kienet imsejħa bħala l-*banda nuova* (indikazzjoni li kienet għada kif twaqqfet) u din kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro Giuseppe Micallef.[146] Mro. Antonio Miruzzi, bħala surmast direttur tal-*Filarmonica l'Assunta*, jissemma għall-ewwel darba fis-sena 1920[147] u jibqa jissemma fis-snin sussegwenti sas-sena 1927.[148] Sfortunatament, ftit nafu dwar ħidmet din il-banda taħt id-direzzjoni ta' Miruzzi. Kurjuż iżda huwa l-fatt li fil-festa tas-sena 1923, il-banda l-oħra tal-Mosta, in-Nicolò Isouard, diretta minn Mro Ġanni Vella, kienet esegwiet l-innu *A Maria Assunta*,[149] innu li kien kompost fis-sena 1905

Banda oħra li għarfet il-ħiliet mużikali ta' Mro Miruzzi kienet il-**Banda Beland taż-Żejtun**. L-ewwel kuntatt dokumentat bejn din il-banda u Mro. Miruzzi, jmur lura għas-sena 1898, meta l-Banda Beland, fl-okkażjoni tal-festa tal-Kunċizzjoni, iċċelebrata fil-belt Cospicua, taħt id-direzzjoni ta' Diacono kienet esegwiet l-overture *La Panseuse*.[150] Ir-relazzjonijiet mużikali ta' Miruzzi mal-banda Żejtunija, issoktaw anki meta din għaddiet taħt id-direzzjoni mużikali ta' Ignazio Catania. Xhieda ta' din huma id-diversi siltiet mużikali ta' Miruzzi li kienu inklużi fir-repertorju tal-Banda Beland,[151] kif ukoll kienu diversi id-drabi li Miruzzi idderieġa din il-banda fl-assenza tas-surmast Ignazio Catania. Hemm indikazzjoni Antonio Miruzzi ta is-servizz tiegħu bħala għalliem.[152] Kien kważi għalhekk awtomatiku li Miruzzi jkun maħtur bħala s-suċċessur ta' wara t-tluq ta' Catania bħala d-direttur mużikali ta' din il-banda.


pom. il Circolo e Filarmonica *Beland* del Zeitun, festeggiando l'Atto di Consacrazione al Cuor Santissimo di Gesù e l'inaugurazione della Benedizione della Statua di S.S. Benedetto XV coll'intervento di S. Ecc. Rev.ma Mons. Dom Mauro Caruana O.S.B., nella sede di detto Circolo, terminata la cerimonia, la Filarmonica eseguirà in Piazza Maggiore il seguente programma :

1 Marcia—Roma—Virgnetti
2 Sinfonia—Nabucco—Verdi
3 Pezzi scelti—Norma—Bellini
4 Valzer—Iberia—Grech
5 Atto IV—Traviata—Verdi
Inno Ponteficio—Inno "Beland"
Dio Salvi il Re
A. Miruzzi, Mro. Direttore.

Il-program mużikali mil-Banda Beland fl-okkażjoni tal-konsagrazzjoni tal-kappella

Antonio Miruzzi idderieġa l-Banda Beland, issa bħala s-surmast tagħha, nhar it-28 ta' Settembru 1919.[153] Huwa kien fetaħ dan il-programm mużikali bil-marċja sinfonika

---

[146] *Malta Taghna* 22.vii.1905 u *Malta Taghna* 23.ix.1905.
[147] *Guida Generale di Malta e Gozo* 1920, 239.
[148] *Guida Generale di Malta e Gozo* 1927.
[149] Malta, 11.viii.1923
[150] *Gazzetta di Malta,* 06.xii.1898.
[151] *Malta, 30.vi.1905*: Il-Banda Beland kienet daqqet il-kompożizzjonijiet *Omaggio a Donizetti* u *Dopo Mezza Notte*; waqt li fis-sena 1913, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Lawrenz il-banda kienet esegwiet il-marċ *Sempre Loro*.
[152] Rapport fil-*Malta Taghna* tat-11 ta' Ottubru 1919 jgħid li Miruzzi kien ippreżentat b'bakketta mill-bandisti u l-allievi tiegħu.
[153] *Malta Taghna*, 11.x.1919.

*Melita*, kompożizzjoni tiegħu stess.[154] Ftit ġimgħat wara, Miruzzi idderieġa l-banda fis-servizz tagħha fil-festa tal-Madonna ta' Pompei f'Marsaxlokk. Kienu bosta is-servizzi li l-Banda Beland għamlet taħt id-direzzjoni ta' Miruzzi, iżda fl-annali tal-banda jibqgħu imsemmija is-servizzi li l-banda għamlet sena wara (1920), fl-okkażjoni tal-konsagrazzjoni tas-soċjetà lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesù[155] u dawk fl-okkażjoni tal-200 anniversarju mit-tberik tal-knisja. Fl-okkażjoni tat-tieni ċentinarju mit-tberik tal-knisja, il-Banda Beland kienet ippreżentat żewġ programmi mużikali. F'dak ta' lejlet il-festa, il-banda kienet żanżnet l-innu sinfoniku *A Santa Caterina,* li Mro. Carlo Diacono ikkompona fis-sena 1919. Għal Banda Beland, Miruzzi kien ikkompona l-innu marċ u innu. Fl-ewwel snin tal-ħidma tiegħu fiż-Zejtun, l-inkarigu ta' Miruzzi ma kien limitat biss għad-direzzjoni iżda kien ukoll jinkludi it-tagħlim. Huwa kien jgħin ukoll lid-diriġenti tal-banda fl-akkwist ta' strumenti ġodda, li kif tixhed riċevuta datata 20 ta' Mejju 1921, fejn għan-nom tal-Għaqda huwa xtara numru ta' strumenti mużikali u karti tal-mużika.[156]

Fiż-Żejtun, bħal f'Ħal Luqa u l-Mosta, il-banda immexxija minnu tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Kien għalhekk xejn sorprendenti li dawn il-baned insibuhom mill-ewwel jinkludu fir-ripertorju funebri tagħhom il-kompożizzjonijiet ta' dan is-surmast. Fis-snin ta' qabel il-gwerra, f'bosta postijiet kienet l-użanza li l-banda li tkun takkumpanja il-ħruġ tal-purċissjoni, bl-esekuzzjoni mużikali ta' responsorji jew xi mużika simili. Fost dawn ix-xogħolijiet insibu is-silta mużikali *Le Sette Parole*. Xogħol ieħor miktub għal dawn iż-żminijiet hija il-kompożizzjoni *Stabat Mater*, miktuba għal banda u kor. Nhar il-Ġimgħa l-Kbira tas-sena 1924, fost ix-xogħolijiet esegwieti mil-Banda Beland insibu ir-responsorji Nru 4, 5 u 6; responsorji li huwa kien ikkompona fl-1901.[157] Fost il-bosta servizzi mużikali li din il-banda kellha barra ż-Żejtun, insibu dak ta' Santa Marija f'Ħal Għaxaq. Għal din il-festa, fis-sena 1925, Miruzzi kien ikkompona innu marċ, liema innu marċ għadu jindaqq sallum mill-banda Għaxqija, Santa Marija. Iż-żelu u l-impenn tiegħu lejn il-qasam mużikali jixduh rakkonti ta' diversi bandisti tal-banda Beland li servew taħt Miruzzi, fejn jirrakkontaw li meta kien ikun jikkunċerta u jsir il-ħin, wara l-kunċert Miruzzi kien jiekol xi ħaġa mill-każin u jorqod f'kamra fil-każin stess, liema kamra għadda iġġieb ismu.[158] Fis-sena 1932, fl-età ta' 65 sena, huwa kien irtira minn kull impenn direzzjonali, inkluż dak ma' din il-banda.


La Società Filarmonica "Beland" eseguirà le seguenti marcie funebri, durante la processione di Venerdì Santo, al Zeitun:
1. Tristi Pensieri—Miruzzi
2. Sul Golgota—Diacono
3. Pax—Miruzzi
4. Sulla tomba di mia madre—Paves
5. Nel gorgo della vita—Dalli
6. Lacrime—Miruzzi
7. In amaritudine—Miruzzi
8. Sulla tomba di mio padre—Diacono
9. Sulla tomba di M. F.—Catania
10. A mio padre—Lanzi
11. 1mo. Maggio—Miruzzi
12. Mesto Ricordo—Miruzzi.

[154] Notament fid-djarju tal-Banda Beland riprodott fl-Annwarju ta' din l-għaqda tas-sena 1994, 45.
[155] *Malta,* 24.ix.1920.
[156] Abela, Rev Joe: *Beland 150 ta' Storja* (2012), 78. Skont din l-irċevuta, fis-sena 1921, Miruzzi kien joqgħod il-Ħamrun fil-fond numru 181 ta' Strada Reale
[157] *Malta Taghna*, 12.iv.1924.
[158] Abela, Rev Joe: *Beland 150 ta' Storja* (2012), 77.

## 10. **Kompetizzjonijiet internazzjonali**.

L-ewwel ventenju tas-seklu għoxrin ra l-introduzzjoni tal-mużika f'faxxikli ippublikati mid-djar editriċi, speċjalment dawk taljani. Din il-mużika f'faxxikli, promossa mill-ħwienet tal-mużika maltin, fosthom l-istabiliment Lucia tal-Belt, bdiet twassal sabiex il-baned jibdew jinkludu il-mużika ta' kompożituri barranin a-skapitu ta' mużika komposta minn kompożituri Maltin. Ir-risposta tad-diretturi mużikali tal-baned maltin kienet varja. Kien hemm minn sabha faċli jdoqq il-mużika impurtata u kien hemm minn bħal Nikola Montebello u Antonio Miruzzi, għażlu li jikkompetu mal-kompożituri taljani propju fil-kompetizzjonjiet organiżżati mid-djar editriċi taljani. Hija ironika li waqt li l-baned maltin kienu qed iwarbu lill-kompożituri maltin, dawk il-kompożituri maltin li kienu qed jidħlu għall-kompetizzjonijiet fl-Italja, kienu qed jiksbu suċċess wara l-ieħor. L-ewwel suċċess internazzjonali ta' Antonio Miruzzi



wasal fis-sena 1910. Huwa ikkompeta fil-kompetizzjonijiet ta' Firenze u Perugia fejn bil-fanatsija *L'Ideale* huwa kien onorat b'*Diploma d'Onore* mill-*Casa Editrice Tito Belati* ta' Perugia[159] waqt li il-valz tiegħu kien premjat fil-kompetizzjoni mużikali li saret f'Firenze.[160] Is-sena ta' wara, aktarx fil-konkors ta' Perugia, il-marcia *Vita Musicale* kienet ippremjata b'*Diploma d'Onore*.[161] Is-suċċessi internazzjonali issoktaw fis-sena 1912, fejn għaldarboħra fil-konkors imniedi mill-*Casa Editrice Tito Belati*, huwa kien ippremjat bi Grand Diploma u midalja tal-fidda għal Grand Valzer (ir-raba' post) u l-marċja *Inno Trionfale* (it-tieni post), waqt li fis-sezzjoni *valzer nuovo stile*, il-valz tiegħu ikklassifika fil-11-il post u ngħata diploma u midalja tal-bronż.[162] Suċċess ieħor kien reġistrat fis-sena 1921, fejn bil-marċja sinfonika *La Bizarra*, Antonio Miruzzi rebaħ il-midalja tad-deheb fil-kompetizzjoni imnedija mill-*Casa Editrici Tito Belati* ta' Perugia.[163]

## 11. **L-aħħar snin**:

Il-ħidma mużikali ta' Mro Miruzzi nistgħu ngħidu li ntemmet fl-istess post fejn nibtet, fl-orfanatrofju tal-gvern tal-Belt Valletta. Nhar it-8 ta' Novembru 1910, Antonio Miruzzi kien maħtur bħala surmast direttur tal-**Banda tal-Orfanatrofju tal-Gvern**, b'salarju ta' ₤30 fis-sena.[164] F'din il-kariga jidher li dam sal-10 ta' Marzu 1932, meta irtira bil-pensjoni tal-età.[165] Fis-snin 30, fil-Ħamrun huwa żviluppa koperazzjoni ma'

---

159 *L'Avvenire,* 23.x.1910.
160 *L'Avvenire,* 05.x.1910.
161 *Malta*, 12.viii.1911.
162 *Malta Herald*, 09.i.1912.
163 *Malta Tagħna*, 26.xi.1921.
164 NAM Blue Book 1911-1912, Sec H 79. Ara wkoll l'*Avvenire* 12.xi.1910.
165 NAM Blue Book 1933 Sec 13-1, 9.

Carlo Satariano fil-qasam ta' diski umoristiċi maltin. Dawn id-diski huma fuq l-istil tal-makkjetti tradizzjonali, fejn Satariano kien jikteb il-lirika (u ħafna drabi jkanta) waqt li Miruzzi kien jinseġ in-noti. Fost il-kanzunetti insibu *Il-Barmaid, In-Nisa Colla Xorta, Id-Dota tal-Għarusa, Għaliex ma Izzewwigtx!, Xebgha Frosta lin-Nisa, Xebgha Frosta lill-Irgiel, Destin Ingrat, Ix-Xebba Sfrattata, Ilsien in-Nisa* u *X'biċċa ġratli, x'waħda din!*. Tul is-snin tal-gwerra jingħad li huwa beda jaħdem fuq il-kompożizzjoni ta' opra, xogħol li qatt ma temm. Mro Miruzzi miet nhar it-23 t'Ottubru 1944.[166] Il-funeral tiegħu kien wieħed li għalih attendiet folla kbira ta' maltin fosthom id-diversi bandisti li trawmu taħt il-ħarsa tiegħu fi ħdan id-diversi baned li huwa kien idderieġa.[167]

## 12. Xogħolijiet Mużikali

**Marċi funebri**: Il-memorja ta' Mro. Antonio Miruzzi hija tramandata għal-żminijietna grazzi l-aktar għall-marċi funebri li huwa kien ikkompona. Anton Grazio Grech jirreferi għal marċ funebri li jinsab fl-arkivju tal-Banda Leone li jġieb id-data 7 ta' Marzu 1894.[168] Din mhiex xi ħaġa sorprendenti meta wieħed iqis li fis-sena 1896 il-Banda La Valette (Belt Valletta) kienet esegwiet il-*Marcia Funebre Nro 13*,[169] Dan jagħtina x'nifmhu li sa dakinhar Miruzzi kien ikkompona mill-anqas 12-il marċ funebri ieħor. Fis-sena 1919, L-Orkestra Sant' Andrija (Ħal Luqa) kienet esegwiet il-marci funebre *Un Boeur affige*[170] waqt li fis-sena 1927, il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun (waqt is-sehem tagħha fil-purċissjoni tal-Belt Valletta) kienet esegwiet il-marċi *Sconforto*, *Ai Miei Cari (1921)*, *Triste Conforto*, u *Dolore*.[171] Ma' dawn wieħed irid iżid il-marċi *Lacrime* (1921), *Pax* (1922), *In Memoriam* (1922), *Mesto Ricordo* (1923), *Primo Maggio* (1923), *Al Signor Ricardo Amodeo*, *Rimpianto, Tristi Pensieri (1923), Remembranze, Venerdi Santo, Pietà, Cadavere, Cordoglio,* u *Giorno di Pianto*. Mużika oħra li ikkompona għal Ġimgħa Mqaddsa hemm ir-responsorji Nru 4 (*Recessit Pater Nostro*), Nru 5 (*O Vos Omnes*) u n-Nru 6 (*Ecce Quomodo*); is-siltiet sagri *L'Ultima Parola u Vexilla Regis* u l-mużika f'seba' movimenti bħal *Le Sette Parole* u *Stabat Mater* (għall-orkestra li aktar tard kienet traskritta għal banda).

**Innijiet u Mużika Sagra:** Ftit huma il-baned maltin li jieħdu sehem fil-purċissjoni titulari. Fost dawn insibu l-Banda Nicolò Isouard. Fir-ripertorju tagħha insibu l-innijiet *O Del Cielo Regina* (1897), *Maria Assumpta* u *Alla Beata Vergine* (1908). Innijiet oħra li għadhom jindaqqu sallum huma l-innijiet tal-baned. Fost dawn insibu l-innijiet tal-baned *Sant' Andrija* (Ħal Luqa), *San Ġużepp* (Ħamrun) u *Nicolò Isouard* (Mosta) kif ukoll l-innijiet *Alla Vergine Immacolata* (1905 – Banda Nicolò Isouard, Mosta), *Maria Assunta* (1905 - Mosta), *A San Corrado* (1905 – Banda San Ġużepp, Ħamrun), *Marija Assunta* (Għaxaq), Lis-Salvatur (Lija) u *Sant' Elena* (Birkirkara). Apparti l-innijiet li jindaqqu waqt il-marċijiet, bosta huma l-baned li għandhom innu sinfoniku.

---

[166] NPR, Atti tal-mewt 2848/1944.
[167] *Il-Berqa*, 31.10.1944
[168] Grech G.A. (1998) Erbatax-il Profil ta' Mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin, 25.
[169] *Gazzetta di Malta*, 01.iv.1896.
[170] *Malta*, 19.iv.1919.
[171] *Malta*, 13.iv.1927.

Dan l-innu sinfoniku illum jindaqq fi tmiem il-program li jittellgħa fil-jiem tal-festa iżda fil-passat kien jindaqq mill-baned meta kienu jilqgħu l-istatwa titulari waqt li tkun għaddejjha minn ħdejn il-planċier tagħhom. Fost l-innijiet sinfoniċi komposti minn Mro Miruzzi insibu l-innijiet *Maria Vergine Stella del Mare* (Stella Maris Sliema), żewġ innijiet lill San Gejtanu (Banda San Ġużepp – Ħamrun), *A San Andrea* (Ħal Luqa) u *A Maria Vergine con voci puerili* (Banda Konti Ruggieru). Mużika sagra li ħarġet mill-pinna ta' Miruzzi insibu *Tantum Ergo* (għal Tenur u Baritonu) u numru ta' responsorji għal jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa (1901).

**Marċi**: Il-marċi li l-baned maltin kienu jdoqqu lejn tmiem is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għaxrin, kienu tal-ġeneru militari u sinfoniku. Mill-bosta programmi mużikali li ttellgħu f'dak il-perjodu insibu l-***marċi militari***: *La Rocca* (1892), *Last Time* (1895), *Our President*, *Farewell!* (1903), *Il Presidente* (1906), *Lord Kitchener*, *Albert of Belgium*, *General Joffre*, *Serbia*, *The Heroes of Verdun*, *Victory*, *La Joyeuse* (1897), u *La Piccola Sonia*, u l-***marċi sinfoniċi***, *Il Pensiero* (1892), *Out of Home* (1894), *La Retraite* (1895), *Lealtà* (1900). *Virginia* (1902), *In Uniforme* (1904), *Melita* (1905), *Un Saluto a Noto* (1905), *San Giuseppe* (1907), *I Napolitani* (1907), *Piedi Grotta* (1907), *Cuore* (1908), *Licia* (1909), *6 Agosto* (1909), *La Bizarra* (1913), *Gli Emigranti* (1920), *Creola* (1920), *Enea* (1921), *I Riconoscenti* (1925), *Mattino e Sera*, ***Marċi trijonfali***: *Fabiola* (1909), *Omaggio a Doizetti* (1905), *Omaggio a Verdi* (1907), *Omaggio a Nicolò Isouard. Omaggio a San Giuseppe, Perugia* (1910*), Vita Musicale* (1911), *Inno Trionfale* (1912), *Tiebe* (1920), *X Aprile* (1920), *Inno Marcia Beland* (1924), *Marcia Trionfale* (1925) u *Mattina e Sera* (1928). Dawk li illum nirreferu għalihom bħala **marċi brijjużi jew brillanti**, sa l-ewwel snin tas-seklu għoxrin kienu jissejħu passio doppio. Fost il-kompożizjonijiet ta' dan il-ġeneru li ħarġu mill-pinna ta' Antonio Miruzzi insibu *San Paolo* (1893) *Rank of Corporale* (1893), *Marcia Processionale* (1900)*, Mille Grazzie* (1901*), 15 Agosto* (1905), *Sempre Loro* (1907), *Psiche d'Arte* (1911)*, 22 Gugnio* (1911)*, Occhi di Fata* (1912)*, Spartans* (1913)*, Sepmre Loro* (1913), *Eusa* (1913), *Pax* (1918), *Fiat Lux* (1918), *Autunale* (1919), *Danaè* (1920)*, Olympia* (1920)*, Namouna* (1920)*, Proper Augesco* (1919), *Good Bye* (1920), *19 Marzo* (1920), *Msida* (1920)*, Ishtar* (1920)*, Chevrolet* (1920)*, Hysperia* (1920)*, Marco Polo* (1920)*, Atlanta* (1920)*, Toland* (1920)*, Tyburn* (1920)*, Iperia* (1920)*, Odisea* (1920)*, Lac du Joux* (1920)*, Isotta* (1920)*, Aysha* (1922)*, Clyrie* (1923), *L'Eroe Fasciata* (1923), *Solitudine* (1924), *Riposo* (1924), *Dolci Pensieri* (1924), *Giorno di Festa* u *Marcia Caratteristica* (1925). Sfortunatament bosta minn dawn il-marċi intitflu mal-medda taż-żmien.

**Mużika bandistika oħra**:, ***il-valzi***: *Il Pensiero Sole e Mesta, , La Spagnola, Maltese Bells, Tempo Fa* (1894)[172]*, Zoe (1894), Mes Compliments* (1898)*, Rouge et Blanche (*1902)*, Baci* (1905)*, Ricordo* (1907), *Suon di Campane* (1922) u *La Marocchina* (1924); ***id-danza***: *La Tunesina* (1925)*;* ***l-gavotti***: *Riconoscenze* (1907), *Amor Discreto, Gentilezze* (1923) u *Carezze* (1922); ***il-mazurka*** Lidia (1907); ***il-polki***: *La Promessa* (1894)*, Picolo Solo* (1897)*, Cecil, Pst Pst Bella* (1901), *Polca variata per coronetta*

---

[172] Dan il-valz indaqq ukoll taħt l-isem bl-ingliż *Time Ago* (*Malta* 02.viii.1894).

(1902), *Verba (1904),* *Ester* (1906), *Miss Prattier* (1919), ***l-overture***: *La Panseuse* (1894) u *l-Overture No III* (1903); ***Sinfoniji***:, *Ogni Principio è Forte* (1906)*, Sinfonija Nro 3* (1902), *Sinfonija Nru 4* (1907), *Lorna* (1907)*, A Mezza Notte* (1910), *Roconoscenza* (1914) ; ***il-fantasiji:*** *Fantasie Arabe* (1894), *L'Ideale* (1900), *Au Cafè Arabe* (1905), *Oscar Du Pont* (1907), *Antico e Moderno* (1909), *Fantasemo* (1913), *Amor Proibito* (1924), ***Marcia nuziale***: Josephine (1920) ***Melodiji oħra***: *La Cavalcade* (1897), *Duke of Edinburg* (1894), *, I Due Birrichini, Dopo Mezza Notte* (1902), *Le Regiment in marche* (1904)*,* il-pastorale *Notte di Natale* (1905)*, Canzonette Napoletane* (1905)*, Divertimento Napolitano* (1906), *Le Chamin de Fer* (1906), *Capriccio per tromba* (1913), *La Vecchiana*, *Capriccio per Corno* (1907), *Polka con variazione per clarino* (1907), *Melodie Italiane* (1908), l-kanzunetta *Prima di Partir* (1909), *Le Zingare* (1909),. ***Remaniscenze ta' Opri***: Verdi (1901), Donizetti (1906), ***Arranġamenti***: Faust ta' Gounod (1900), La Forza del Destino u il Trovatore ta' Verdi (1901), Barbiere di Sevigliata' Rossini (1903)

**Mużika Mandolinistika**: ***Marċi***: *Tunesi* (1897) u *Vicino al Mar* (1899).; ***il-valzi:*** *Il Cassiere* (1897), *La Chanteuse* (1897), , ***il-polki***: *Tic Tic* (1898).

**Mużika għall-makkjetti**: *Il-Barmaid, In-Nisa Colla Xorta, Id-Dota tal-Għarusa, Għaliex ma Izzewwigtx!, Xebgha Frosta lin-Nisa, Xebgha Frosta lill-Irgiel, Destin Ingrat, Ix-Xebba Sfrattata, Ilsien in-Nisa* u *X'biċċa ġratli, x'waħda din!*




Riċevuta maħruġa mill-Banco di Roma (Malta), għal xiri ta' numru ta' strumenti minn Antonio Miruzzi. F'din l-irċevuta jidher l-indirizz tiegħu fil-Ħamrun

## Bibliografija

### I. Sorsi Primarji

Arkivju Nazzjonali ta' Malta (NAM):
Blue Books: 1873, 1902-1904, 1911-1912, 1933.
Customs Register CUS: 1894
*Guida Generale di Malta e Gozo* 1920, 1925 u 1927

National Archives UK (ADM/188): Naval Records

### II. Kotba u publikazzjonijiet


Abela, J.: *Beland 150 ta' Storja* (2012).

Azzopardi C: "*L-istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex*", vol.2, (1997).

Bugeja, J.A: *Għall-mużika, għal Beltna u għal Artna*, Dom Publications (2015).

Ciarlò J. "*Soċjetà Filarmonika Nazzjonali "La Valette" – l-ewwel 100 Sena (1874-1974)*, Media Centre, (1994).

Grech G. A.: *Ġrajjiet is-Soċjetà Mużikali u Filarmonika Leone* (2012).

Grech G.A. *Erbatax-il Profil ta' Mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin*, (1998).

Grech G., *Antonio Miruzzi*, Anwarju tas-Soc Fil Isouard (1995).

Pirotta M; *Meta twieled eżatt Miruzzi*, Program tal-festa Societa Fil La Vincitrice. Senglea, (2018).

Sciberras M. u Saliba M. *Is-Soċjetà Mużikali San Pio X – Lija, 100 sena storja 1905-2005*, Anwarju Każin Banda San Pio X (2005).

Skik, H.; "*Les Maltais en Tunisie*". Proc. of Congrès D'études Des Cultures Méditerranéennes D'influence Arabo-berbère, Malta. Ed. Micheline Galley and David R. Marshall. Alger: Société Nationale D'édition Et De Diffusion, 1972.

Smith A.: *The Maltese in Tunisia before the Protectorate*, Journal of Mediterranean Studies Vol 10; (2000).

Vella Bondin, J.: *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli XIX u XX' (PIN, 2000).*

## III. Ġurnali

Il-Berqa, 31.10.1944.

Il-Ħabib: 22.iv.1913.

Il Veru Mannarinu: 12.vi.1897, 28.vii.1897 u 31.xii.1898.

In-Nahla*:* 21.xi.1908 u 25.vi.1910.

L'Avvenire*:* 05.x.1910, 23.x.1910 u 12.xi.1910.

La Gazzetta di Malta: 02.x.1895, 16.v.1888, 11.vii.1892, 23.vii.1892, 18.ii.1893, 8.vi.1893, 4.v.1893, 10.viii.1893, 11.viii.1893, 08.vi.1894, 02.viii.1894, 14.viii.1894, 23.viii.1894, 01.ix.1894, 27.ix.1894, 19.x.1894, 11.vi.1895, 12.vii.1895, 18.vii.1895, 06.ix.1895, 21.ix.1895, 30.xii.1895, 01.iv.1896, 01.iv.1896, 28.vi.1896, 30.ix.1896, 15.vi.1897, 25.vi.1897, 08.vii.1897, 31.vii.1897, 06.xii.1897, 13.xii.1897, 05.i.1898, 08.iv.1898, 15.iv.1898, 25.vi.1898, 27.vi.1898, 01.vii.1898, 12.vii.1898, 16.ix.1898, 29.xi.1898, 6.xii.1898, 06.xii.1898, 21.xii.1898, 28.xii.1898, 13.iv.1899, 21.vi.1899, 30.viii.1899, 08.ii.1900, 18.v.1900, 21.v.1900, 27.vii.1900; 14.viii.1900, 14.ix.1900, 21.ix.1900, 24.ix.1900, 17.xi.1900, 07.xii.1900, 24.xii.1900, 18.i.1901, 23.i.1901, 09.ii.1901, 22.iii.1901, 23.iii.1901, 15.iii.1901, 22.iii.1901, 09.v.1901, 31.v.1901, 05.viii.1901, 18.viii.1901 u 23.viii.1901.

Malta: 23.xii.1901, 23.i.1902, 13.ii.1902, 03.v.1902, 14.v.1902, 14.v.1902, 16.ix.1902, 24.x.1902, 07.xi.1902, 24.xii.1902, 13.ii.1903, 03.iv.1903, 11.vii.1904, 03.viii.1904, 03.i.1905, 14.iv.1905, 30.vi.1905, 11.viii.1905, 25.x.1905, 28.viii.1905, 28.i.1906, 25.iv.1906, 13.vi,1906, 04.viii.1906, 27.xii.1906, 15.iii.1907, 27.iii.1907, 11.iv.1907, 29.v.1907, 11.vii.1907, 01.viii.1907, 13.ix.1907, 30.xii.1907, 05.ii.1908, 23.ii.1908, 08.vii.1908, 13.viii.1908, 22.iii.1909, 25.ii.1909, 01.x.1909, 09.vii.1909, 09.iv.1910, 05.viii.1910, 28.viii.1910, 21.iii.1911, 28.iii.1911, 20.vi.1911, 12.viii.1911, 29.ii.1912, 12.iv.1912, 21.i.1913, 12.ix.1913, 01.v.1914, 19.iv.1919, 18.ix.1920, 24.ix.1920, 30.vi.1922, 06.viii.1922, 11.viii.1922, 21.ix.1922, 11.viii.1923, 08.viii.1924, 22.viii.1924, 11.iv.1925, 14.v.1925, 15.v.1925, 29.viii.1925, u 13.iv.1927.

Malta Taghna*:* 22.vii.1905, 23.ix.1905, 11.x.1919, 26.xi.1921 u 12.iv.1924.

Risorgimento: 30.vi.1897, 30.vi.1898 u 25.viii.1902.

The Malta Herald: 09.i.1912 u 7.iv.1920.